



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2019
(OR. en)

8776/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0084 (NLE)

ACP 44
WTO 124
COAFR 81
RELEX 419
UD 126

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim
bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda,
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll 1
dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji"
u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), ġie ffirmat f' Abidjan fis-26 ta' Novembru 2008, f'isem l-Unjoni, bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE¹ u ġie applikat b'mod provviżorju mit-3 ta' Settembru 2016.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim, u sabiex jibbenefikaw mit-trattament preferenzjali previst minnu, jenħtieġ li l-Partijiet jistabbilixxu reġim komuni reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini, li jenħtieġ li jiġi integrat fil-Ftehim permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE.
- (3) Fil-laqgħa annwali tiegħu tal-2019, il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll 1").
- (4) Il-Protokoll 1 jipprevedi simplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli tal-oriġini u jqis l-iżviluppi l-aktar riċenti, sabiex jiġu pprovduti regoli tal-oriġini aktar flessibbli u aktar sempliċi, bil-għan li jiġi ffaċilitat il-kummerċ għall-operaturi ekonomiċi u li jottimizzaw ir-rikors għat-trattament preferenzjali previst fil-Ftehim.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 59, 3.3.2009, p. 1).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa annwali tal-2019 tal-Kumitat tal-FSE, peress li dik id-deċiżjoni tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa annwali għall-2019 tal-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), għal dak li jikkonċerna l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE fir-rigward tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

Abbozz

TAD-DEĊIŻJONI NRU .../2019 TAL-KUMITAT TAL-FSE
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim
bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda,
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

ta' ...

dwar l-adozzjoni tal-Protokoll 1
dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji"
u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim"), iffirmat f'Abidjan fis-26 ta' Novembru 2008, u applikat fuq bażi provviżorja mit-3 ta' Settembru 2016, u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 82 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim japplika, fuq naħa, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak it-Trattat u, fuq in-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Kosta tal-Avorju.
- (2) Skont l-Artikolu 14(2) tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Partijiet jistabbilixxu reġim komuni reċiproku li jirregola r-regoli ta' oriġini bbażat fuq ir-regoli ta' oriġini li ġejjin mill-Ftehim ta' Cotonou u li jipprovdi għas-simplifikazzjoni tagħhom b'kont meħud tal-objettivi ta' żvilupp tal-Kosta tal-Avorju. Jenħtieġ li dan ir-reġim jiġi integrat fil-Ftehim permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE.
- (3) Il-Partijiet laħqu ftehim dwar l-adozzjoni tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll 1") għall-Ftehim.
- (4) Skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Protokoll 1 jiffirma parti integrali minnu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huwa adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni gġandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kosta tal-Avorju

Għall-Unjoni Ewropea

ANNEX

Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji"
u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

WERREJ

TITOLU I: Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu

1. Definizzjonijiet

TITOLU II: Definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji"

Artikoli

2. Kundizzjonijiet ġenerali

3. Prodotti miksuba b'mod sħiħ

4. Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

5. Ħidma jew ipproċessar mhux biżżejjed

6. Ħidma jew ipproċessar ta' materjali importati fl-Unjoni Ewropea mingħajr dazju

7. Akkumulazzjoni tal-oriġini

8. Akkumulazzjoni ma' pajjiżi oħrajn li jgawdu minn aċċess mingħajr dazju u barra mill-kwoti fis-suq tal-Unjoni Ewropea

9. Unità ta' kwalifika

10. Aċċessorji, spare parts u għodda

11. Settijiet
12. Elementi newtrali
13. Segregazzjoni tal-kontabbiltà

TITOLU III: Kundizzjonijiet territorjali

Artikoli

14. Prinċipju ta' territorjalità
15. Nuqqas ta' bidliet
16. Wirjiet

TITOLU IV Prova tal-oriġini

Artikoli

17. Kundizzjonijiet ġenerali
18. Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1
19. Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv
20. Ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1
21. Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini
22. Esportatur approvat
23. Validità ta' prova tal-oriġini
24. Preżentazzjoni tal-prova tal-oriġini
25. Importazzjoni gradwali
26. Eżenzjonijiet mill-prova tal-oriġini

27. Proċedura tal-informazzjoni għal skopijiet ta' akkumulazzjoni
28. Dokumenti ta' sostenn
29. Preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn
30. Diskrepanzi u żbalji formali
31. Ammonti espressi f'euro

TITOLU V: Kooperazzjoni amministrattiva

Artikoli

32. Kundizzjonijiet amministrattivi biex il-prodotti jibbenefikaw mill-Ftehim
33. Notifika tal-awtoritajiet doganali
34. Metodi oħra ta' kooperazzjoni amministrattiva
35. Verifika tal-prova tal-oriġini
36. Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur
37. Riżoluzzjoni tat-tilwim
38. Sanzjonijiet
39. Żoni ħielsa
40. Derogi

TITOLU VI: Ceuta u Melilla

Artikoli

41. Kundizzjonijiet speċjali
42. Kundizzjonijiet speċifiċi

TITOLU VII: Dispożizzjonijiet finali

Artikoli

- 43. Reviżjoni u applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini
- 44. Annessi
- 45. Implimentazzjoni tal-Protokoll
- 46. Dispożizzjonijiet tranżitorji għall-merkanzija fi tranżitu jew f'ħażna

ANNESI TAL-PROTOKOLL 1

- Anness I tal-Protokoll 1: Noti ta' introduzzjoni dwar il-lista li tidher fl-Anness II tal-Protokoll
- Anness II tal-Protokoll 1: Lista tal-ħidmiet jew tal-ipproċessar li jridu jitwettqu fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju
- Anness II-A tal-Protokoll 1: Derogi mil-lista tal-ħidmiet jew tal-ipproċessar li jridu jitwettqu fuq materjali mhux oriġinarji biex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju
- Anness III tal-Protokoll 1: Formola għaċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1
- ANNES IV tal-Protokoll 1: Dikjarazzjoni tal-oriġini
- ANNES V-A tal-Protokoll 1: Dikjarazzjoni tal-fornitur dwar il-prodotti bi status oriġinarju preferenzjali

ANNES V-B tal-Protokoll 1:	Dikjarazzjoni tal-fornitur dwar il-prodotti mingħajr status oriġinarju preferenzjali
ANNES VI tal-Protokoll 1:	Ċertifikat ta' Informazzjoni
ANNES VII tal-Protokoll 1:	Formola ta' talba għal deroga
ANNES VIII tal-Protokoll 1:	Pajjiżi u territorji extra-Ewropej
ANNES IX tal-Protokoll 1:	Prodotti koperti mill-Artikolu 7(4) tal-Protokoll
DIKJARAZZJONI KONĠUNTA	dwar il-Prinċipat ta' Andorra
DIKJARAZZJONI KONĠUNTA	dwar ir-Repubblika ta' San Marino

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

- (a) “manifattura” tfisser kwalunkwe ħidma jew ipproċessar, inkluż l-assemblaġġ jew operazzjonijiet speċifiċi;
- (b) “materjal” tfisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użat(a) fil-manifattura tal-prodott;
- (c) “prodott” tfisser il-prodott miksub, anki jekk ikun intiż għal użu ulterjuri f'xi proċess ieħor ta' manifattura;
- (d) “merkanzija” tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;
- (e) “valur doganali” tfisser il-valur kif determinat skont il-Ftehim tal-1994 dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) (il-Ftehim tad-WTO dwar il-valur doganali);
- (f) “prezz mill-fabbrika” tfisser il-prezz imħallas għall-prodott lill-manifattur fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju li fl-impriża tiegħu tkun saret l-aħħar ħidma jew ipproċessar, inkluż il-valur tal-materjali kollha użati, bit-tnaqqis ta' kull taxxa interna mħallsa li tkun, jew li tista', tintradd lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

- (g) “valur ta’ materjali” tfisser il-valur doganali meta jiġu importati l-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi vverifikat, l-ewwel prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju;
- (h) “valur ta’ materjali oriġinarji” tfisser il-valur ta’ dawn il-materjali kif definit fis-subparagrafu (g) applikat *mutatis mutandis*;
- (i) “valur miżjud” tfisser il-prezz tal-prodotti mill-fabbrika, li minnu jitnaqqas il-valur doganali tal-materjali importati minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (minn hawn 'il quddiem imsejħin "Stati tal-AKP") (Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku) li jkunu applikaw Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika (FSE) tal-inqas b'mod proviżorju, jew il-PTEE; jekk il-valur doganali ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista’ jiġi vverifikat, għandu jitqies l-ewwel prezz li jista’ jiġi vverifikat li jkun tħallas għall-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju;
- (j) “kapitoli” u “intestaturi” tfisser il-kapitoli u l-intestaturi b’erba’ ċifri użati fin-nomenklatura li tiffirma s-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala “is-Sistema Armonizzata” jew “SA”);
- (k) “klassifikat” tfisser il-klassifikazzjoni ta’ prodott jew ta’ materjal taħt xi intestatura partikolari;
- (l) “konsenja” tfisser il-prodotti li jkunu ntbagħtu simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn destinatarju wieħed inkella li jkunu koperti b'dokument tat-trasport wieħed mingħand l-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta’ tali dokument, bil-kopertura ta’ fattura waħda;

- (m) “territorji” tfisser it-territorji, inkluż l-ibhra territorjali;
- (n) “PTEE” tfisser Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej kif definiti fl-Anness VIII ta’ dan il-Protokoll;
- (o) “Kumitat” tfisser il-Kumitat speċjali għad-dwana u għall-faċilitazzjoni kummerċjali msemmi fl-Artikolu 34 tal-Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d’Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”) sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA’ “PRODOTTI ORIĠINARJI”

ARTIKOLU 2

Kundizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet tal-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea:
 - (a) il-prodotti miksuba b’mod sħiħ fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 ta’ dan il-Protokoll;
 - (b) il-prodotti miksuba fl-Unjoni Ewropea u li fihom materjali li ma nkisbux b’mod sħiħ hemmhekk, dment li dawn il-materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta’ dan il-Protokoll.

2. Għall-finijiet tal-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju:
- (a) il-prodotti miksuba b'mod sħiħ fil-Kosta tal-Avorju skont it-tifsira tal-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll;
 - (b) il-prodotti miksuba fil-Kosta tal-Avorju u li fihom materjali li ma nkisbux b'mod sħiħ hemmhekk, dment li dawn il-materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed fil-Kosta tal-Avorju skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 3

Prodotti miksuba b'mod sħiħ

1. Għandhom jitqiesu bħala miksuba b'mod sħiħ fil-Kosta tal-Avorju jew fl-Unjoni Ewropea:
- (a) l-annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;
 - (b) il-prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;
 - (c) il-frott u l-ħxejjex maħsuda hemmhekk;
 - (d) il-prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;
 - (e) (i) il-prodotti miksuba bil-kaċċa jew bis-sajd li jsir hemmhekk;
 - (ii) il-prodotti tal-akkwakultura, inkluża l-marikultura, meta l-annimali jitrabbew hemmhekk minn bajd, ħut żgħir, larva jew qixx;

- (f) il-prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kosta tal-Avorju mill-bastimenti tagħhom;
- (g) il-prodotti manifatturati fuq il-bastimenti fabbriki tagħhom esklussivament mill-prodotti msemmija fil-punt (f);
- (h) l-oġġetti użati li jistgħu jintużaw biss għall-irkupru ta' materja prima;
- (i) l-iskart u r-ruttam li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-manifattura li jsiru hemmhekk;
- (j) il-prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar barra mill-ibħra territorjali, dment li dawn ikollhom id-dritt esklussiv li jaħdmu dak il-qiegħ tal-baħar jew taħtu;
- (k) il-merkanzija manifatturata esklussivament mill-prodotti speċifikati fil-punti (a) sa (j).

2. It-termini “il-bastimenti tagħhom” u “il-bastimenti fabbriki tagħhom” fil-paragrafu 1(f) u (g) għandhom japplikaw biss għall-bastimenti u għall-bastimenti fabbriki:

- (a) li huma rreġistrati jew elenkati fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju; u
- (b) li jbaħħru taħt il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kosta tal-Avorju; u
- (c) li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) ikunu tal-anqas 50 % proprjetà ta' ċittadini ta' Stati Membru tal-Unjoni Ewropea u/jew tal-Kosta tal-Avorju; jew

(ii) ikunu proprjetà ta' kumpaniji:

- li jkollhom il-kwartieri ġenerali u l-post ta' attività ekonomika prinċipali tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju, u
- li jkunu tal-inqas 50 % proprjetà ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-Unjoni Ewropea u/jew tal-Kosta tal-Avorju, jew ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' ċittadin wieħed jew aktar minn dawk l-Istati.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, fuq talba tal-Kosta tal-Avorju, il-bastimenti liċenzjati jew mikrija mill-Kosta tal-Avorju għandhom jiġu ttrattati bħala “bastiment tagħha” jew “bastimenti tagħha” għall-attivitàjiet tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tagħha, dment li tkun saret offerta lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea minn qabel u dment li jkun hemm konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti minn qabel mill-Kumitat. Il-Kumitat għandu jiżgura li jiġiharsu l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu.
4. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu ssodisfati kemm fil-Kosta tal-Avorju kif ukoll fl-Istati koperti minn diversi Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika li magħhom huwa applikabbli l-akkumulazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-prodotti għandhom jitqiesu bħala oriġinarji fl-Istat tal-bandiera.

ARTIKOLU 4

Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-prodotti li ma jinkisbux b'mod sħiħ jitqiesu li jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II ta' dan il-Protokoll.
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-prodotti elenkati fl-Anness II-A ta' dan il-Protokoll jistgħu jitqiesu li nħadmu jew li ġew ipproċessati biżżejjed meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43(2), ta' dan il-Protokoll, l-Anness II-A ta' dan il-Protokoll japplika unikament għall-esportazzjonijiet tal-Kosta tal-Avorju, u matul perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.
3. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jindikaw il-ħidma jew l-ipproċessar li għandhom jitwettqu fuq il-materjali mhux oriġinarji u li jintużaw fil-manifattura, għall-prodotti kollha koperti bil-Ftehim, u japplikaw esklussivament għal dawn il-materjali. Skont dan, jekk prodott, li jkun kiseb l-istatus oriġinarju billi jkun issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'xi waħda mil-listi għal dan il-prodott stess, jintuża għall-manifattura ta' prodott ieħor, il-kundizzjonijiet applikabbli għall-prodott li fih ikun inkorporat ma jkunux applikabbli għalih, u ma għandhomx jitqiesu l-materjali mhux oriġinarji li setgħu ntużaw għall-manifattura tiegħu.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-materjali mhux oriġinarji, li skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II u fl-Anness II-A ta' dan il-Protokoll għal prodott partikolari ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' dan il-prodott, xorta jistgħu jintużaw, dment li:
 - (a) il-valur totali tagħhom ma jkunx jaqbeż l-10 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika għall-prodotti tal-Unjoni Ewropea, u 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika għall-prodotti tal-Kosta tal-Avorju;
 - (b) l-ebda mill-perċentwali mogħtija fil-lista għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji ma jinqabżu permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.
5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.
6. Il-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw soġġetti għall-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 5

Ħidma jew ipproċessar mhux biżżejjed

1. Il-ħidma jew l-ipproċessar li ġejjin jitqiesu bħala mhux biżżejjed biex jingħata l-istatus oriġinarju, kemm jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 jiġu ssodisfati u kemm jekk ma jiġux:
 - (a) l-operazzjonijiet ta' preżervazzjoni li jiżguraw li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba waqt it-trasport u l-ħażna;

- (b) l-operazzjonijiet sempliċi ta' tfarfir, ta' tgħarbil, ta' ssortjar, ta' klassifikar, ta' tqabbil (inkluż il-formazzjoni ta' biċċiet differenti ta' merkanzija), ta' ħasil, ta' tindif, ta' żebgħa, ta' llustrar, ta' tqattigħ;
- (c) it-tneħħija ta' ossidu, ta' żjut, ta' żebgħa jew ta' xi kisi ieħor;
- (d) (i) bidliet fl-imballaġġ u t-tqassim u l-assemblaġġ ta' pakketti;
- (ii) is-sempliċi tqegħid fi fliexken, fi flaskijiet, f'laned, f'basktijiet, f'kaxxi, fuq twavel tal-kartun jew planek, eċċ, kif ukoll l-operazzjonijiet sempliċi ta' ippakkjar l-oħra kollha;
- (e) it-twaħħil ta' marki, tikketti, logos u sinjali oħra li jiddistingwu, fuq il-prodotti stess jew l-imballaġġ tagħhom;
- (f) is-sempliċi taħlit ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le; it-taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe tip ieħor ta' materjal;
- (g) l-immuntar sempliċi ta' biċċiet li jagħmlu prodott sħiħ;
- (h) is-sempliċi żarmar ta' prodotti f'biċċiet;
- (i) il-mogħdija jew l-ippressar tat-tessuti;
- (j) it-tfesdiq, l-ibbliċjar parzjali jew totali, l-illixxar u l-igglejżjar ta' ċereali u ross;
- (k) l-operazzjonijiet għaż-żieda ta' koloranti jew aromi fiz-zokkor jew fil-manifattura taċ-ċangaturi taz-zokkor; it-tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallin;

- (l) it-tqaxxir, it-tneħħija tal-għadma jew it-tfesdiq ta' frott, ġewż u ħaxix;
 - (m) it-tisnin, it-tħin sempliċi jew il-qtuġh sempliċi;
 - (n) l-akkumulazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar previsti fil-punti (a) sa (m);
 - (o) it-tbiċċir tal-animali.
2. L-operazzjonijiet kollha li jsiru fuq prodott partikolari, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-Kosta tal-Avorju, jitqiesu b' mod konġunt biex jiġi determinat jekk il-ħidma jew l-ipproċessar li jkun għadda minnu dan il-prodott jitqiesx bħala mhux biżżejjed skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 6

Ħidma jew ipproċessar ta' materjali importati fl-Unjoni Ewropea mingħajr dazju

1. Mingħajr preġudizzju lejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-materjali mhux oriġinarji li jistgħu jiġu importati fl-Unjoni Ewropea ħielsa mid-dazji doganali bl-applikazzjoni tat-tariffi konvenzjonali tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (MFN), skont it-Tariffa Doganali Komuni definita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87¹, għandhom jitqiesu bħala materjali oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju meta jkunu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk, dment li tkun saritilhom ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1), inklużi l-emendi sussegwenti kollha.

2. Iċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 (il-Kaxxa 7) jew id-dikjarazzjonijiet tal-orġini maħruġa bl-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu l-frażi li ġejja:
 - “Application de l'art. 6, para. 1, du protocole n° 1 à l'APE Côte d'Ivoire-UE”.
3. Kull sena l-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Kumitat bil-lista ta' materjali li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Ladarba notifikata, il-lista tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (is-Serje C), filwaqt li l-Kosta tal-Avorju għandha tippubblikaha skont il-proċeduri tagħha.
4. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma tapplikax għall-materjali li meta jiġu importati lejn l-Unjoni jkunu soġġetti għal dazji ta' antidumping jew dazji kumpensatorji meta joriġinaw mill-pajjiż li jkun soġġett għal dawk id-dazji ta' antidumping jew dazji kumpensatorji.

ARTIKOLU 7

Akkumulazzjoni tal-orġini

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-materjali oriġinarji f'waħda mill-Partijiet, f'pajjiżi oħra tal-Afrika tal-Punent¹ li għandhom aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea, Stati oħra tal-AKP li jkunu applikaw FSE tal-inqas b'mod proviżorju, jew il-PTEE, għandhom jitqiesu bħala oriġinarji fil-Parti l-oħra meta jkunu inkorporati fi prodott miksub minn hemmhekk jekk il-ħidma jew l-ipproċessar imwettaq f'din il-Parti jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

¹ Il-pajjiżi l-oħra tal-Afrika tal-Punent huma: il-Benin, il-Burkina, Cape Verde, il-Gambja, il-Ghana, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Liberja, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, Sierra Leone u t-Togo.

Fejn il-ħidma jew l-ipproċessar imwettaq fil-Parti kkonċernata ma jmurx lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll, il-prodott miksub għandu jitqies bħala oriġinarju f'dik il-Parti biss jekk il-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali oriġinarji użati fi kwalunkwe pajjiż jew territorju ieħor. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies oriġinarju fil-pajjiż jew fit-territorju responsabbli għall-akbar valur tal-materjali oriġinarji u li jintużaw għall-manifattura tal-prodott finali.

L-oriġini ta' materjali oriġinarji fi Stati oħra tal-AKP li jkunu applikaw FSE tal-inqas b'mod proviżorju u fil-PTEE jiġi determinat skont ir-regoli ta' oriġini applikabbli fi ħdan il-ftehimiet preferenzjali bejn l-Unjoni Ewropea u dawn il-pajjiżi u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 ta' dan il-Protokoll.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-ħidma u l-ipproċessar imwettaq f'waħda mill-Partijiet, fi Stati oħra tal-AKP li jkunu applikaw FSE tal-inqas b'mod proviżorju u fil-PTEE, għandhom jitqiesu bħala li twettqu ffil-Parti l-oħra, dment li l-materjali tkun saritilhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

Fejn il-ħidma jew l-ipproċessar imwettaq f'xi waħda mill-Partijiet ma jmorrux lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll, il-prodott miksub għandu jitqies bħala oriġinarju f'din il-Parti biss jekk il-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali oriġinarji użati fi kwalunkwe mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies oriġinarju fil-pajjiż jew fit-territorju responsabbli għall-akbar valur tal-materjali li jkunu ntużaw għall-manifattura tal-prodott finali.

L-oriġini tal-prodott lest għandha tiġi determinata skont ir-regoli tal-oriġini ta' dan il-Protokoll u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tiegħu.

3. L-akkumulazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu tista' tiġi applikata għall-pajjiżi l-oħra tal-Afrika tal-Punent li jibbenefikaw minn aċċess mingħajr dazju u bla kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea, għall-Istati l-oħra tal-AKP li applikaw FSE tal-inqas b' mod proviżorju u għall-PTEE dment li:
- (a) il-parti destinatarja u l-pajjiżi u t-territorji parteċipanti kollha involuti fl-akkwist tal-istatus oriġinarju kkonkludew ftehim jew arranġament ta' kooperazzjoni amministrattiva bejniethom li jggarantixxi l-implimentazzjoni tajba ta' dan l-Artikolu u li jinkludi referenza għall-użu ta' provi tal-oriġini xierqa;
 - (b) permezz tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), il-Kosta tal-Avorju u l-Unjoni Ewropea għandhom jipprovdu lil xulxin id-dettalji tal-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija f'dan l-Artikolu. Id-data meta l-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata ma' daww il-pajjiżi jew it-territorji elenkati f'dan l-Artikolu li jkunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa, għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (is-Serje C) filwaqt li l-Kosta tal-Avorju għandha tippubblikaha skont il-proċeduri tagħha.

4. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata biss lill-prodotti elenkati fl-Anness IX ta' dan l-Artikolu wara l-1 ta' Ottubru 2015, meta l-materjali użati għall-manifattura ta' dawk il-prodotti jkunu oriġinarji jew meta l-ħidma jew l-ipproċessar isir fi Stat ieħor tal-AKP li jkun applika FSE tal-anqas b'mod provviżorju.
5. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal materjali:
- (a) li jaqgħu taħt l-Intestaturi 1604 u 1605 tas-Sistema Armonizzata oriġinarji mill-Istati tal-Paċifiku li jkunu ffirmaw FSE skont l-Artikolu 6(6) tal-Protokoll II tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra¹;
 - (b) li jaqgħu taħt l-Intestaturi 1604 u 1605 tas-Sistema Armonizzata oriġinarji mill-Istati tal-Paċifiku li jkunu ffirmaw FSE skont kull dispożizzjoni futura ta' FSE Globali konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati AKP tal-Paċifiku;
 - (c) oriġinarji fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, li ma jistgħux jiġu importati direttament fl-Unjoni Ewropea mingħajr dazju u mingħajr kwoti.
6. Kull sena l-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Kumitat bil-lista ta' materjali li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5(c) ta' dan l-Artikolu. Ladarba notifikata, il-lista tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (is-Serje C), filwaqt li l-Kosta tal-Avorju għandha tippubblikaha skont il-proċeduri tagħha.

¹ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272 tas-16.10.2009, p.1).

ARTIKOLU 8

Akkumulazzjoni ma' pajjiżi oħra li jgawdu minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti fis-suq tal-Unjoni Ewropea

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-materjali oriġinarji minn pajjiżi u minn territorji:

- (a) li jibbenefikaw mill-“arranġament speċjali favur il-pajjiżi l-anqas żviluppati” taħt l-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (minn hawn 'il quddiem “SĠP”) tal-Unjoni Ewropea; jew
- (b) li jkollhom aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-SĠP,

għandhom jitqiesu bħala materjali oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju meta jiġu inkorporati fi prodott miksub minn dan il-pajjiż.

Ma hemmx bżonn li dawn il-materjali jkunu għaddew minn ħidma u pproċessar biżżejjed, iżda jkunu għaddew minn ħidma u pproċessar li jmur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll. Jekk ikun fih ukoll materjali mhux oriġinarji, kwalunkwe prodott li fih jiġu inkorporati dawn il-materjali għandu jgħaddi minn ħidma jew ipproċessar biżżejjed, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, sabiex jitqies oriġinarju mill-Kosta tal-Avorju.

1.2. L-oriġini tal-materjali tal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra kkonċernati għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli ta' oriġini applikabbli fil-qafas tal-SĠP tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 ta' dan il-Protokoll.

- 1.3. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal materjali:
- (a) li meta jiġu importati lejn l-Unjoni Ewropea jkunu soġġetti għal dazji ta' antidumping jew dazji kumpensatorji meta joriġinaw mill-pajjiż li jkun soġġett għal dawk id-dazji ta' antidumping jew dazji kumpensatorji;
 - (b) li jaqgħu taħt subintestaturi tariffarji tas-Sistema Armonizzata 3302 10 u 3501 10;
 - (c) li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti tat-tonn ikklassifikati skont il-Kapitolu 3 tas-Sistema Armonizzata koperta mil-SĠP tal-Unjoni Ewropea;
 - (d) li għalihom il-preferenzi tariffarji jitneħħew (gradwalment) jew sospiżi (bi klawżola ta' salvagwardja) fil-qafas tal-SĠP tal-Unjoni Ewropea.
2. Fuq notifika tal-Kosta tal-Avorju, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll u b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2.1, 2.2 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-materjali oriġinarji f'pajjiżi jew territorji li jibbenefikaw minn ftehimiet jew arranġamenti li jipprovdu aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala materjali oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju. In-notifika hija trażmessa mill-Kosta tal-Avorju lill-Unjoni Ewropea permezz tal-Kummissjoni Ewropea. L-akkumulazzjoni għandha tibqa' applikabbli dment li l-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha jiġu ssodisfati. Ma hemmx bżonn li dawn il-materjali jkunu għaddew minn ħidma u pproċessar biżżejjed, dment li jkunu għaddew minn ħidma u pproċessar li jmur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan il-Protokoll.

- 2.1. L-oriġini tal-materjali tal-pajjiżi jew it-territorji kkonċernati għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli ta' oriġini li japplikaw fil-qafas tal-ftehimiet jew tal-arranġamenti preferenzjali bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi u t-territorji, u skont l-Artikolu 28 ta' dan il-Protokoll.
- 2.2. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal materjali:
- (a) li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata jew li jinsabu fil-lista ta' prodotti msemmija fil-paragrafu 1(ii) tal-Anness 1 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura inkluż fil-GATT tal-1994;
 - (b) li meta jiġu importati lejn l-Unjoni Ewropea jkunu soġġetti għal dazji ta' antidumping jew dazji kumpensatorji meta joriġinaw mill-pajjiż li jkun soġġett għal dawk id-dazji ta' antidumping jew dazji kumpensatorji;
 - (c) li, skont ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz, ikunu soġġetti għal miżuri ta' kummerċ u miżuri ta' salvagwardja, jew għal kwalunkwe miżura oħra li tirrifjuta li tagħti aċċess mingħajr dazji u mingħajr kwoti għas-suq tal-Unjoni Ewropea għal dawn il-prodotti.
3. Kull sena, l-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Kumitat bil-lista ta' materjali li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu. Ladarba notifikata, il-lista tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (is-serje C), filwaqt li l-Kosta tal-Avorju għandha tippubblikaha skont il-proċeduri tagħha. Kull sena, l-Kosta tal-Avorju għandha tinnotifika lill-Kumitat dwar il-materjali li għalihom tkun ġiet applikata l-akkumulazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Iċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 (il-Kaxxa 7) jew id-dikjarazzjonijiet tal-orġini maħruġa bl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu l-frażi li ġejja:
- "Application de l'art. 8, para. 1 ou 2, du protocole n° 1 à l'APE Côte d'Ivoire-UE".
5. L-akkumulazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu tista' tapplika biss kemm-il darba jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet:
- (a) il-pajjiżi parteċipanti kollha involuti fl-akkwist tal-istatus orġinarju jkunu kkonkludew ftehim jew arranġament ta' kooperazzjoni amministrattiva li jggarantixxi l-implimentazzjoni tajba ta' dan l-Artikolu u li jkun jinkludi referenza għall-użu ta' provi tal-orġini xierqa;
 - (b) permezz tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kosta tal-Avorju tipprova lill-Unjoni Ewropea dettalji fuq ftehimiet dwar kooperazzjoni amministrattiva mal-pajjiżi jew mat-territorji l-oħra msemmija f'dan l-Artikolu. F'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (is-serje C) il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika d-data meta l-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata għal dawk il-pajjiżi jew it-territorji mniżżla f'dan l-Artikolu li jkunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet neċessarji.

ARTIKOLU 9

Unità ta' kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandha tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Għaldaqstant isegwi li:

- (a) meta prodott, li jkun magħmul minn grupp jew ġabra ta' oġġetti, jiġi kklassifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħda, l-entità sħiħa tikkostitwixxi l-unità ta' kwalifika;
 - (b) meta konsenja tkun tikkonsisti minn għadd ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw b'mod individwali għal kull wieħed minn dawn il-prodotti.
2. Fejn, skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-imballaġġ huwa inkluż mal-prodott li jkun fih, għandu jitqies baħal ħaġa waħda mal-prodott sħiħ sabiex tiġi ddeterminata l-oriġini.

ARTIKOLU 10

Aċċessorji, spare parts u għodda

L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodda li jintbagħtu ma' materjal, magna, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tiegħu, jew li mhumiex fatturati separatament, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mal-materjal, il-magna, l-apparat jew il-vettura kkonċernati.

ARTIKOLU 11

Settijiet ta' oġġetti mħalltin

Is-settijiet, kif definiti fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala oriġinarji, dment li l-prodotti kollha tal-komponenti jkunu oriġinarji. Madankollu, meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u prodotti mhux oriġinarji, is-sett bħala entità sħiħa għandu jitqies bħala oriġinarju, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbiżx 15 % tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

ARTIKOLU 12

Elementi newtrali

Biex jiġi ddeterminat jekk prodott huwiex oriġinarju, ma hemmx bżonn tiġi ddeterminata l-oriġini tal-elementi li ġejjin u li jaf jintużaw fil-manifattura tagħhom:

- (a) l-enerġija u l-fjuwil;
- (b) l-impjanti u t-tagħmir;
- (c) il-magni u l-għodda;
- (d) il-merkanzija li ma tidħolx u li mhix intiża biex tidħol fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

ARTIKOLU 13

Segregazzjoni tal-kontabbiltà

1. Meta jinqalgħu bosta spejjeż jew diffikultajiet b'rabta mal-materjali għaż-żamma ta' stokkijiet separati tal-materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji, l-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq talba bil-miktub mingħand dawk ikkonċernati, jawtorizzaw li jintuża l-metodu msejjaħ tas-“segregazzjoni tal-kontabbiltà” (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-metodu”) għall-immaniġġar ta' dawn l-istokkijiet.
2. Il-metodu japplika wkoll għal zokkor mhux raffinat li ma fihx aromatizzanti jew koloranti miżjuda u maħsub għar-raffinar, oriġinarju u mhux oriġinarju, tas-subintestaturi 1701 12, 1701 13 u 1701 14 tas-Sistema Armonizzata, li fiżikament jiġhawwad jew jiġhallat fil-Kosta tal-Avorju jew fl-Unjoni Ewropea qabel l-esportazzjoni, rispettivament, lejn l-Unjoni Ewropea u lejn il-Kosta tal-Avorju.
3. Il-metodu għandu jiżgura li, f'kull ħin, l-għadd ta' prodotti miksuba li jistgħu jitqiesu bħala oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju jew tal-Unjoni Ewropea jkun l-istess bħal dak li kien jinkiseb kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-istokks.
4. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, skont il-kundizzjonijiet li huma jqisu bħala xierqa.
5. Il-metodu għandu jiġi applikat u l-użu tiegħu jiġi rreġistrat skont il-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà aċċettati fil-pajjiż fejn il-prodott ikun ġie mmanifatturat.
6. Il-benefiċjarju tal-metodu jista', skont il-każ, jipprovdi provi tal-oriġini jew japplika għalihom, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jitqiesu oriġinarji. Fuq talba mill-awtoritajiet doganali, il-benefiċjarju għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar kif ġew immaniġġati l-kwantitajiet.

7. L-awtoritajiet doganali għandhom jimmonitorjaw l-użu li jkun sar tal-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha fi kwalunkwe ħin meta jinstab li l-benefiċjarju jinqeda bl-awtorizzazzjoni b'mod li mhux xieraq, jew meta jonqos milli jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħra stipulati f'dan il-Protokoll.
8. Għall-għanijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, it-termini "materjali funġibbli" jew "prodotti funġibbli" jfissru materjali jew prodotti tal-istess tip u tal-istess kwalità kummerċjali, li għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jiġu distinti minn xulxin għall-iskop tad-determinazzjoni tal-orijini tagħhom.

TITOLU III

KUNDIZZJONIJIET TERRITORJALI

ARTIKOLU 14

Prinċipju ta' territorjalità

1. Il-kundizzjonijiet stipulati fit-Titolu II ta' dan il-Protokoll, dwar il-kisba ta' status oriġinarju għandhom jintlaħqu mingħajr interruzzjoni fil-Kosta tal-Avorju jew fl-Unjoni Ewropea, soġġetti għall-Artikoli 6, 7, u 8 ta' dan il-Protokoll.
2. Meta tintbagħat lura merkanzija oriġinarja li tiġi esportata mill-Kosta tal-Avorju jew mill-Unjoni Ewropea lejn pajjiż ieħor, soġġetta għall-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll, din għandha titqies li mhux oriġinarja, ħlief meta jkun jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:
 - (a) il-merkanzija li tintbagħat lura tkun l-istess merkanzija bħal dik esportata; u

(b) ma tkun għaddiet minn ebda operazzjoni lil hinn minn dik meħtieġa sabiex tibqa' f'kundizzjoni tajba waqt li kienet f'dak il-pajjiż jew waqt li għiet esportata.

3. L-akkwist ta' status oriġinarju skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Titolu II ta' dan il-Protokoll ma għandux ikun affettwat minn ħidma jew ipproċessar li jsir barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Kosta tal-Avorju fuq prodotti esportati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Kosta tal-Avorju u, sussegwentement importati mill-ġdid, dment li:

(a) il-materjali msemmija jinkisbu b'mod sħiħ fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju jew għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll qabel ma jkunu ġew esportati; u

(b) ikun jista' jintwera b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet doganali li:

(i) il-ħidma jew l-ipproċessar li jkun sar barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Kosta tal-Avorju jkunu twettqu skont il-proċedura ta' proċessar passiv jew arranġamenti simili;

(ii) il-merkanzija importata mill-ġdid inkisbet bil-ħidma u l-ipproċessar ta' prodotti esportati; u

(iii) l-ispejjeż kollha li jinqalgħu barra l-Kosta tal-Avorju jew l-Unjoni Ewropea, inkluż il-valur tal-materjali li jiżdiedu hemmhekk, ma jaqbżux l-10 % tal-prezz tal-prodott finali mill-fabbrika li għalih qed jintalab l-istatus oriġinarju.

4. Għall-merkanzija li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-ispejjeż kollha li jirriżultaw minn barra l-Kosta tal-Avorju jew mill-Unjoni Ewropea, inkluż il-valur tal-materjali li jiżdiedu hemmhekk, għandhom jiġu ttrattati bħala minn materjali mhux oriġinarji. L-istatus oriġinarju tal-merkanzija mbagħad għandu jiġi ddeterminat billi jiġu applikati r-regoli stabbiliti fl-Anness II ta' dan il-Protokoll billi jingħaqad il-valur totali tal-materjali mhux oriġinarji użati kemm fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju kif ukoll barra minnhom.
5. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti li jitqiesu bħala maħdumin jew ipproċessati biżżejjed ħlief fil-każ li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4(4) ta' dan il-Protokoll.
6. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

ARTIKOLU 15

Nuqqas ta' bidliet

1. Il-prodotti ddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa f'xi Parti għandhom ikunu daww esportati mill-parti l-oħra fejn jitqiesu oriġinarji. Dawn ma għandhom ikunu nbidlu, jew ġew ittrasformati bl-ebda mod, u ma għandhom ikunu ġew soġġetti għal ebda operazzjoni oħra għajr dik biex jinżammu f'kundizzjoni tajba jew għaż-żieda jew it-twaħħil ta' marki, tikketti, siġilli jew dokumentazzjoni oħra biex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżiti nazzjonali speċifiċi applikabbli fil-Parti li timporta, qabel ma jkunu ġew iddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa.

2. Il-ħżin ta' prodotti jew konsenji jista' jseħħ sakemm dawn jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż jew pajjiżi ta' tranżitu.
3. Mingħajr preġudizzju għat-Titolu V, il-qsim tal-konsenji jista' jsir meta dan jitwettaq mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu u meta l-prodotti jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż jew pajjiżi ta' tranżitu.
4. Il-konformità mal-paragrafi 1 sa 3 għandha titqies bħala ssodisfata, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkollomx raġunijiet biex jaħsbu mod ieħor; f'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lid-dikjarant biex jipprovdi provi tal-konformità ma' dawk il-paragrafi, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi dokumenti kontrattwali tat-trasport bħal poloz ta' kargu jew provi fattwali jew konkreti bbażati fuq l-immarkar jew in-numerazzjoni ta' pakketti jew kwalunkwe evidenza relatata mal-merkanzija nnifisha.

ARTIKOLU 16

Wirjiet

1. Il-prodotti oriġinarji li jintbagħtu għall-wiri f'pajjiż jew territorju li mhuwiex wieħed minn dawk imsemmija fl-Artikoli 6, 7, u 8 ta' dan il-Protokoll, li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni u li jinbiegħu wara l-wiri għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju, għandhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim meta jiġu importati, dment li għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali jintwera li:
 - (a) dawn il-prodotti kkonsenjajhom esportatur mill-Kosta tal-Avorju jew mill-Unjoni Ewropea lejn il-pajjiż fejn saret il-wirja u esebihom hemmhekk;

- (b) l-esportatur biegħ il-prodotti jew cedihom lil destinatariju fil-Kosta tal-Avorju jew fl-Unjoni Ewropea;
 - (c) il-prodotti ġew ikkonsenjati waqt il-wirja jew eżatt wara, fil-pajjiż fejn intbagħtu għall-wirja; u li
 - (d) minn mindu ġew ikkonsenjati għall-wirja, il-prodotti ma ntużawx għal skopijiet oħra għajr biex jiġu esebiti fil-wirja.
2. Trid tinħareġ jew issir prova tal-oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-*Titolu IV ta' dn il-Protokoll u tingħata lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur bil-mod normali. Fuqha għandhom jitniżżlu l-isem u l-indirizz tal-wirja. Fejn meħtieġ, tista' tintalab ukoll bħala rekwiżit, evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li fihom ġew esebiti l-prodotti.*
3. *Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għal kwalunkwe wirja, fiera jew manifestazzjoni pubblika ta' natura kummerċjali, industrijali, agrikola jew artiġjanali, li ma tkunx organizzata għal finijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-negozju bl-iskop li jinbiegħu prodotti barranin, u li matulha l-prodotti inkwistjoni jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana.*

TITOLU IV

PROVA TAL-ORIĠINI

ARTIKOLU 17

Kundizzjonijiet ġenerali

1. Il-prodotti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea għandhom, waqt l-importazzjoni tagħhom lejn il-Kosta tal-Avorju, jibbenefikaw mill-Ftehim mal-preżentazzjoni, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 22(1) ta' dan il-Protokoll, ta' dikjarazzjoni tal-oriġini mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota ta' konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor, li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f' dettall biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu identifikati (minn hawn 'il quddiem imsejħa "dikjarazzjoni tal-oriġini"). It-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini jidher fl-Anness IV.
2. Il-prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju, waqt l-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim meta jippreżentaw:
 - (a) jew ċertifikat ta' moviment EUR.1, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness III ta' dan il-Protokoll;
 - (b) jew fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 22(1) ta' dan il-Protokoll, dikjarazzjoni tal-oriġini li t-test tagħha jidher fl-Anness IV ta' dan il-Protokoll.
3. Il-paragrafu 2(a) għandu japplika għal tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll. Meta dan il-perijodu jiskadi, jibqa jkun applikabbli biss il-paragrafu 2(b).

4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-prodotti oriġinarji skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll għandhom, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikolu 26, igawdu mill-Ftehim mingħajr ma jkun hemm bżonn jiġi ppreżentat xi dokument minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.
5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, l-esportaturi għandhom jagħmlu hilitom biex jużaw lingwa komuni kemm għall-Kosta tal-Avorju kif ukoll għall-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 18

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. Iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur meta ssir l-applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà tal-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tal-esportatur.
2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew kemm iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 kif ukoll il-formola ta' applikazzjoni, li kampjuni tagħhom jidhru fl-Anness III ta' dan il-Protokoll. Dawn il-formoli għandhom jimtlew skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Jekk il-formuli jinkitbu bl-idejn, dawn għandhom jimtlew bil-linka u b'ittri kapitali. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha ssir fil-kaxxa riżervata għal dan il-għan mingħajr ma jinqabżu linji. Meta l-kaxxa ma timentliex kollha, trid issir linja mimduda taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni u l-ispazju vojti jiġi ingassat.

3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jkun ippreparat kull ħin biex meta jintalab mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur imnejn ikun inħareġ iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1, jippreżenta d-dokumenti xierqa kollha li jixhdu l-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati, kif ukoll li l-bqija tar-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll huma ssodisfati.
4. Għandu jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kosta tal-Avorju, jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea, tal-Kosta tal-Avorju jew ta' xi wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 u jekk dawn ikunu jissodisfaw il-bqija tal-kundizzjonijiet previsti f'dan il-Protokoll.
5. L-awtoritajiet doganali tal-ħruġ taċ-ċertifikati EUR.1 għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jivverifikaw l-istatus oriġinarju tal-prodotti u biex il-bqija tal-kundizzjonijiet previsti f'dan il-Protokoll jiġu ssodisfati. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe verifika oħra li jqisu xierqa. L-awtoritajiet doganali tal-ħruġ taċ-ċertifikati EUR.1 għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jkunu mtlew kif xieraq. B'mod partikolari, dawn għandhom jivverifikaw li l-ispazju riżervat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkun imtela b'tali mod li jeskludi kull possibbiltà ta' żidiet qarrieqa.
6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandha tkun indikata fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat.
7. Iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-esportatur malli l-esportazzjoni attwali tkun saret jew tkun garantita.

ARTIKOLU 19

Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv

1. Minkejja l-Artikolu 18(7) ta' dan il-Protokoll, ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jista' jinħareġ b'mod eċċezzjonali wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jkopri fil-każ li:
 - (a) ma jkunx inħareġ waqt l-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkustanzi speċjali; jew
 - (b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li kien inħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 iżda li waqt l-importazzjoni ma kienx ġie aċċettat minħabba raġunijiet tekniċi.
2. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti koperti biċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1, kif ukoll ir-raġunijiet għat-talba tiegħu.
3. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħroġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 b'mod retrospettiv biss wara li ssir verifika li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tal-esportatur taqbel mal-fajl korrispondenti.
4. Iċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jiġu approvati bil-frażi li ġejja:

“DÉLIVRÉ A POSTERIORI”.

5. L-approvazzjoni msemija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

ARTIKOLU 20

Ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. F'każ ta' serq, telf jew qerda taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika biex l-awtoritajiet doganali li jkunu ħarġulu ċ-ċertifikat joħorġu kopja abbażi tad-dokumenti tal-esportazzjoni fil-pussess tagħhom.
2. Il-kopja dupplikata maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi approvata bil-frażi li ġejja:
"DUPLICATA".
3. L-approvazzjoni msemija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" tal-kopja taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.
4. Il-kopja, li għandu jkollha d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali tal-moviment EUR.1, għandha tibda tapplika minn dik id-data.

ARTIKOLU 21

Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-orijini

1. Id-dikjarazzjoni tal-orijini tista' ssir:
 - (a) fil-każijiet imsemija fl-Artikolu 17(1), minn esportatur irreġistrat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni Ewropea;

- (b) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(2)(b):
- fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Protokoll, minn esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 22;
 - meta jiskadi dak il-perijodu, minn esportatur irregiſtrat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Kosta tal-Avorju;
- (c) minn kwalunkwe esportatur għal kull konsenja li tikkonsisti f’pakkett wieħed jew aktar li fihom prodotti oriġinarji fejn l-valur totali tagħhom ma jkunx iktar minn EUR 6 000.
2. Dikjarazzjoni tal-oriġini tista’ ssir jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju, tal-Unjoni Ewropea jew ta’ xi wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta’ dan il-Protokoll u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra ta’ dan il-Protokoll.
3. L-esportatur li jagħmel id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jkun ippreparat li jissottometti f’kull ħin, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta’ esportazzjoni, id-dokumenti kollha xierqa li jippruvaw l-istatus ta’ prodotti oriġinarji tal-prodotti kkonċernati kif ukoll li jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra ta’ dan il-Protokoll.
4. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandha ssir mill-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, fuq in-nota ta’ konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness IV ta’ dan il-Protokoll, billi jintużaw il-verżjonijiet lingwistiċi elenkati f’dan l-Anness u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż esportatur. Jekk id-dikjarazzjoni tinkiteb bl-idejn, din għandha tinkiteb bil-linka u b’ittri kapitali.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-orġini għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-esportatur. Madankollu, esportatur irreġistrat kif definit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 22 ta' dan il-Protokoll ma għandux jintalab jiffirma dawn id-dikjarazzjonijiet, sakemm ma jippreżentax lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż garanzija bil-miktub li jaççetta r-responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni tal-orġinili tidentifika lil daqsliekieku ffirmata minnu.
6. Tista' tinħareġ dikjarazzjoni tal-orġini mill-esportatur meta l-prodotti li tkopri jiġu esportati, jew wara l-esportazzjoni, dment li tiġi ppreżentata fil-pajjiż importatur mhux aktar minn sentejn (2) wara l-importazzjoni tal-prodotti li hija tkopri.

ARTIKOLU 22

Esportatur approvat

1. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe esportatur li jesporta ta' spiss prodotti koperti mid-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni kummerċjali tal-Ftehim, li joffri, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġa biex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodotti u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll, biex joħorġu dikjarazzjonijiet tal-orġini, irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati.
2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li huma jqisu xierqa.
3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru tal-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-orġini.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkontrollaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.
5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin. Dawn għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jew meta jabbuża b'xi mod mill-awtorizzazzjoni.

ARTIKOLU 23

Validità tal-prova tal-oriġini

1. Il-prova tal-oriġini għandha tkun valida għal għaxar xhur (10) mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż esportatur, u għandha tkun ippreżentata fil-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur.
2. Il-provi tal-oriġini li huma ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu aċċettati għall-iskop li jiġi applikat reġim preferenzjali, meta d-dokumenti ma jiġux preżentati sal-iskadenza stabbilita minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.
3. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur jistgħu jaċċettaw il-provi tal-oriġini dment li l-prodotti jkunu ġew ippreżentati qabel l-iskadenza msemmija.

ARTIKOLU 24

Preżentazzjoni tal-prova tal-orġini

Il-provi tal-orġini jiġu prodotti għall-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur skont il-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż. Dawn l-awtoritajiet jistgħu jeżiġu t-traduzzjoni tal-prova tal-orġini. Jistgħu wkoll jeżiġu li d-dikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni li permezz tagħha l-importatur jiddikjara li l-prodotti jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Ftehim.

ARTIKOLU 25

Importazzjoni gradwali

Meta, fuq talba tal-importatur u fuq il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur, il-prodotti żmontati jew mhux immuntati flimkien, skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li tidħol fit-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, huma importati gradwalment, għandha tiġi sottomessa prova waħda tal-orġini għal dawn il-prodotti lill-awtoritajiet doganali waqt l-importazzjoni tal-ewwel konsenja.

ARTIKOLU 26

Eżenzjonijiet mill-prova tal-oriġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu aċċettati bħala prodotti oriġinarji mingħajr ma jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' prova formali tal-oriġini, dment li dawn il-prodotti ma jkunux importati f'għamla ta' kummerċ u dment li jkunu ddikjarati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u dment li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-korrettezza ta' dan it-tip ta' dikjarazzjoni. Fil-każ tal-prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fid-dikjarazzjoni doganali CN22/CN23 jew fuq karta mehmuża ma' dan id-dokument.
2. L-importazzjonijiet okkażjonali u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tad-destinatarji jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhomx jitqiesu importazzjonijiet kummerċjali jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemmx skop kummerċjali.
- 3 Barra minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jagħmlu parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

ARTIKOLU 27

Il-proċedura tal-informazzjoni għal skopijiet ta' akkumulazzjoni

1. Meta l-Artikolu 7(1) ta' dan il-Protokoll jiġi applikat, il-prova ta' status oriġinarju skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll ta' materjali li ġejjin mill-Kosta tal-Avorju, mill-Unjoni Ewropea, minn Stat ieħor tal-AKP li applika FSE tal-inqas b'mod provviżorju, jew minn xi PTEE, għandha tingħata permezz ta' ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1, jew permezz ta' dikjarazzjoni tal-orijini jew dikjarazzjoni tal-fornitur, li kampjun tagħha jidher fl-Anness V-A ta' dan il-Protokoll, mogħti mill-esportatur fil-Kosta tal-Avorju jew fl-Unjoni Ewropea skont minn fejn joriġinaw il-materjali.
2. Meta jiġi applikat l-Artikolu 7(2) ta' dan il-Protokoll, il-prova tal-ħidma jew ipproċessar imwettaq fil-Kosta tal-Avorju, fl-Unjoni Ewropea, fi Stat ieħor tal-AKP li applika FSE tal-inqas b'mod provviżorju jew f'PTEE hija amministrata bid-dikjarazzjoni tal-fornitur, li kampjun tagħha jidher fl-Anness V-B ta' dan il-Protokoll, tingħata mill-esportatur fil-Kosta tal-Avorju jew l-Unjoni Ewropea minn fejn joriġinaw il-materjali.
3. Meta jiġi applikat l-Artikolu 8(1) ta' dan il-Protokoll, id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa biex tingħata prova tal-orijini għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli applikabbli għall-pajjiżi benefiċjarji tal-SPG¹.

¹ Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jfissra d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

4. Meta jiġi applikat l-Artikolu 8(2) ta' dan il-Protokoll, id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa biex tingħata prova tal-orijini għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli applikabbli fl-arranġamenti jew fil-ftehimiet ikkonċernati.
5. Il-fornitur għandu jagħmel dikjarazzjoni separata għal kull konsenja ta' merkanzija fuq il-fattura kummerċjali li tirrigwarda dik il-konsenja jew li hija annessa ma' dik il-fattura, jew fuq in-nota tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor relatat mal-konsenja li jiddeskrivi l-materjali kkonċernati fid-dettall biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu identifikati.
6. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' ssir fuq formola stampata minn qabel.
7. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornituri għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-esportatur bil-miktub. Madankollu, meta l-fattura u d-dikjarazzjoni tal-fornitur ikunu stabbiliti permezz tal-kompjuter, ma hemmx bżonn li d-dikjarazzjoni tal-fornitur tkun iffirmata bil-miktub dment li l-uffiċjal responsabbli fil-kumpanija tal-forniment ikun identifikat għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali fl-Istat fejn ikunu stabbiliti d-dikjarazzjonijiet tal-fornitur. Dawn l-awtoritajiet doganali jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.
8. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali fil-pajjiż esportatur li ntalab joħroġ ċertifikat tal-moviment EUR.1.
9. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun ippreparat kull ħin biex meta jintalab mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, jippreżenta d-dokumenti xierqa kollha li jixhdu li l-informazzjoni mogħtija f' din id-dikjarazzjoni hija korretta.

10. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornituri u ċ-ċertifikati tal-informazzjoni maħruġa qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikolu 26 tal-Protokoll 1 għall-Ftehim ta' Cotonou għandhom jibqgħu validi.

ARTIKOLU 28

Dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 18(3) u 21(3) ta' dan il-Protokoll użati għall-iskop li jagħtu prova li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew b'dikjarazzjoni tal-oriġini, li jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju, tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll u jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll, jistgħu jkunu, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

- (a) evidenza diretta tal-proċessi li għamlu l-esportatur jew il-fornitur biex jiksbu l-merkanzija kkonċernata, li hemm pereżempju fil-kontijiet tiegħu jew fil-kontabbiltà interna tiegħu;
- (b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġa jew imfassla fil-Kosta tal-Avorju, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll meta dawn id-dokumenti jintużaw skont id-dritt nazzjonali;
- (c) dokumenti li jagħtu prova li l-ħidma jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Kosta tal-Avorju, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 maħruġa jew magħmula fil-Kosta tal-Avorju, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 meta dawn id-dokumenti jintużaw skont id-dritt nazzjonali;

- (d) ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet tal-oriġini li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fil-Kosta tal-Avorju, fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll, skontu stess.

ARTIKOLU 29

Preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jżomm għal tal-anqas tliet (3) snin id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 18(3) ta' dan il-Protokoll.
2. L-esportatur li jimla dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jżomm kopja ta' din id-dikjarazzjoni tal-oriġini, kif ukoll tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 21(3) ta' dan il-Protokoll għal mill-anqas tliet (3) snin.
3. Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jżomm kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, noti tal-konsenja jew kwalunkwe dokumenti kummerċjali oħra li magħhom tkun annessa din id-deċiżjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 27(9) ta' dan il-Protokoll, għal mill-anqas tliet (3) snin.
4. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur li joħroġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandhom iżommu għal tal-anqas tliet (3) snin il-formula ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(2) ta' dan il-Protokoll.
5. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandhom iżommu għal tal-anqas tliet (3) snin iċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini sottomessi lilhom.

ARTIKOLU 30

Diskrepanzi u żbalji formali

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali biex jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti, ma għandhiex *ipso facto* tirrendi l-prova tal-oriġini bħala nulla u bla effett jekk ikun stabbilit kif xieraq li dan id-dokument fil-fatt jikkorrispondi għall-prodotti ppreżentati.
2. L-iżbalji formali ovvji bħalma huma l-iżbalji tat-tipa fi prova tal-oriġini ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi rrifjutat jekk dawn l-iżbalji ma jkunux tali li joħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

ARTIKOLU 31

Ammonti espressi f'euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(1)(b) u tal-Artikolu 26(3) ta' dan il-Protokoll, meta l-prodotti jkunu fatturati b'munita li mhix l-euro, l-ammonti fil-muniti nazzjonali tal-Kosta tal-Avorju, tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi jew tat-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll li huma ekwivalenti għall-ammonti espressi bl-euro għandhom jiġu ffissati kull sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.
2. Konsenja għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1)(b) jew l-Artikolu 27(3) ta' dan il-Protokoll b'referenza għall-munita li fiha tkun inħarġet il-fattura, skont l-ammont iffissat mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw minn kwalunkwe munita nazzjonali għandhom ikunu l-ekwivalenti f'dik il-munita tal-ammonti espressi bl-euro fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru. Dawn l-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea tinnotifika lill-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti rilevanti.
4. Pajjiż jista' jnaqqas jew iżid biex l-ammont li jirriżulta mill-kambju tal-ammont espress bl-euro għall-munita nazzjonali tiegħu jqarreb lejn l-ewwel numru sħiħ. L-ammont mogħti għad-dritt ma jistax ikun differenti b'aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. Pajjiż jista' jżomm l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali bla ma jibdlu f'ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-konverżjoni ta' dak l-ammont qabel ma nqata' għad-dritt, tirriżulta f'żieda ta' anqas minn 15 % fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti fil-munita nazzjonali jista' jinżamm kif inhu jekk il-kambju jwassal għal tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.
5. L-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid mill-Kumitat fuq talba tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kosta tal-Avorju. Meta jkun qiegħed jagħmel dan l-eżami mill-ġdid, il-Kumitat għandu jikkunsidra kemm huwa mixtieq li jkunu ppreservati l-effetti tal-limiti kkonċernati f'termini reali. Għal dan il-għan, jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU V

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

ARTIKOLU 32

Kundizzjonijiet amministrattivi biex il-prodotti jibbenefikaw mill-Ftehim

Il-prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju jew tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll għandhom jibbenefikaw fil-mument tad-dikjarazzjoni doganali tal-importazzjoni mill-preferenzi li jagħti l-Ftehim biss dment li dawn ikunu ġew esportati fid-data meta l-pajjiż esportatur jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 33, 34 u 45 ta' dan il-Protokoll, jew wara dik id-data.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33 ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 33

Notifika tal-awtoritajiet doganali

1. Il-Kosta tal-Avorju u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-ECOWAS, l-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli għall-ħruġ u l-verifika taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, flimkien mal-kampjuni tat-timbri użati fl-uffiċċji doganali għall-ħruġ ta' dawn iċ-ċertifikati.

Iċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, għandhom jiġu aċċettati bl-iskop li jiġi applikat trattament preferenzjali mid-data meta din l-informazzjoni tasal għand il-Kummissjoni Ewropea u għand il-Kummissjoni tal-ECOWAS rispettivament.

2. Il-Kosta tal-Avorju u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jaġixxu bl-awtorità tal-gvern tal-pajjiż ikkonċernat. L-awtoritajiet responsabbli mill-kontroll u l-verifika għandhom jiffurmaw parti mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiż ikkonċernat.

ARTIKOLU 34

Metodi oħra ta' kooperazzjoni amministrattiva

1. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni Ewropea, il-Kosta tal-Avorju u l-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll għandhom jassistu lil xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, biex jivverifikaw l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur kif ukoll tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f' dawn id-dokumenti. Barra minn hekk, il-Kosta tal-Avorju u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea:
 - (a) jipprovdur l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa lil xulxin fil-każ ta' talba għall-monitoraġġ tal-ġestjoni t-tajba u tal-kontroll ta' dan il-Protokoll fil-pajjiż ikkonċernat, inklużi żjarat fuq il-post;

(b) jivverifikaw, skont l-Artikolu 35 ta' dan il-Protokoll, l-istatus oriġinarju tal-prodotti u s-sodisfazzjon tal-kundizzjonijiet l-oħra msemmija f'dan il-Protokoll.

2 L-awtoritajiet ikkonsultati għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti dwar il-kundizzjonijiet li fihom sar il-prodott, fejn jindikaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet li fihom ġew irrispettati r-regoli tal-orijini fil-Kosta tal-Avorju, fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi l-oħra kkonċernati msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 35

Verifika tal-prova tal-orijini

1. Il-verifiki suċċessivi tal-provi tal-orijini għandhom isiru abbażi ta' analiżi tar-riskju, permezz ta' teħid ta' kampjunar jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur ikollhom dubji serji dwar l-awtentiċità ta' tali dokumenti, dwar l-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati jew jekk il-kundizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll jkunux qed jiġu ssodisfati.
2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 u l-fattura, jekk din tkun ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni tal-orijini, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur filwaqt li jagħtu, fejn xieraq, ir-raġunijiet għat-talba għal verifika. Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġbura li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fuq il-provi tal-orijini mhijiex korretta għandha tingħadda bħala sostenn tat-talba għall-verifika.

3. Il-verifika għandhom jagħmluha l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe verifika oħra li jqisu xierqa.
4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur jiddeċiedu li jissospendu l-għoti ta' trattament preferenzjali lil xi prodott ikkonċernat waqt li jkunu qegħdin jistennew ir-riżultati tal-verifika, l-importatur għandu jingħata l-possibbiltà li l-prodotti jinħarġu soġġetti għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni kkunsidrata meħtieġa.
5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom ikunu informati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju, tal-Unjoni Ewropea jew ta' xi wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll u jekk jissodisfawx il-kundizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.
6. F'każijiet ta' dubju fondat, u jekk ma jkunx hemm tweġiba fi żmien għaxar (10) xhur mid-data tat-talba għall-verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha informazzjoni biżżejjed li tiddetermina l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini reali tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali rikjedenti għandhom, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jirrifjutaw l-intitolament għall-preferenzi.
7. Il-partijiet jirreferu għall-Artikolu 7 tal-Protokoll 2 tal-Ftehim dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali għall-investigazzjonijiet konġunti dwar il-provi tal-oriġini.

ARTIKOLU 36

Verifika tad-dikjarazzjoni tal-fornituri

1. Il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornituri għandha ssir fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, permezz ta' teħid ta' kampjuni jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu ġew ikkunsidrati sabiex jinħareġ ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew sabiex issir dikjarazzjoni tal-orìġini, ikollhom dubji fondati dwar l-awtentiċità tad-dokument jew il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f' dan id-dokument.
2. L-awtoritajiet doganali li lilhom tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tal-fornitur jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet doganali tal-Istat fejn tkun saret id-dikjarazzjoni biex joħorġu ċertifikat tal-informazzjoni, li mudell tiegħu jinsab fl-Anness VI ta' dan il-Protokoll. Inkella, l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni li lilhom tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-fornitur jistgħu jitolbu lill-esportatur biex jipproduċi ċertifikat tal-informazzjoni maħrugi mill-awtoritajiet doganali tal-Istat fejn tkun saret id-dikjarazzjoni.

Għandha tinżamm kopja taċ-ċertifikat ta' informazzjoni għal mill-anqas tliet (3) snin, mill-uffiċċju li jkun ħariġha.

3. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom ikunu informati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Ir-riżultati jridu jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur hijiex korretta u tagħmilhiex possibbli li jiddeterminaw jekk u sa fejn din id-dikjarazzjoni tal-fornitur tistax tiġi kkunsidrata sabiex jinħareġ ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew biex tiġi stabbilita dikjarazzjoni tal-orìġini.

4. Il-verifika għandhom jagħmluha l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza jew li jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontabbiltà tal-fornitur jew kwalunkwe verifika oħra li jqisu xierqa biex jivverifikaw il-korrettezza ta' kwalunkwe dikjarazzjoni tal-fornitur.
5. Kwalunkwe ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew kwalunkwe dikjarazzjoni tal-oriġini maħruġa jew magħmula fuq bażi ta' dikjarazzjoni żbaljata tal-fornitur għandha titqies mhux valida.

ARTIKOLU 37

Riżoluzzjoni tat-tilwim

1. Meta jinqala' tilwim li ma jstax jissolva minħabba verifiki msemmija fl-Artikoli 35 u 36 ta' dan il-Protokoll bejn l-awtoritajiet doganali li qegħdin jitolbu verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli mit-twettiq ta' din il-verifika jew meta titqajjem mistoqsija fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, dan it-tilwim għandu jiġu ppreżentat lill-Kumitat.
2. Fil-każijiet kollha, ir-riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandha timxi skont il-leġiżlazzjoni ta' dan il-pajjiż.

ARTIKOLU 38

Sanzjonijiet

Is-sanzjonijiet għandhom jiġu imposti fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil, ta' dokument li jkun fih informazzjoni skorretta bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

ARTIKOLU 39

Żoni ħielsa

1. Il-Kosta tal-Avorju u l-Unjoni Ewropea għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti nnegożjati u koperti bi prova tal-orijini jew b' dikjarazzjoni tal-fornitur u li tul it-trasport jużaw żona ħielsa fit-territorju tagħhom, ma jiġux sostitwiti b' merkanzija oħra u ma jkollhomx trattament ieħor għajr l-operazzjonijiet normali mfassla biex jevitaw id-deterjorazzjoni tagħhom.
2. B' deroga mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju jew tal-Unjoni Ewropea jiġu importati f' żona ħielsa taħt kopertura ta' prova ta' oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet doganali kkonċernati għandhom joħroġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 għdid fuq it-talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li għaddew minnu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 40

Derogi

1. Il-Kumitat jista' jadotta derogi minn dan il-Protokoll meta l-iżvilupp tal-industriji eżistenti jew il-ħolqien ta' industriji ġodda fil-Kosta tal-Avorju jkunu jiġġustifikaw dan. Għal dan il-għan, il-Kosta tal-Avorju għandha, qabel jew waqt ir-riferiment lill-imsemmi Kumitat, tinforma lill-Unjoni Ewropea bit-talba tagħha, fuq il-bażi ta' fajl ta' sostenn imfassal skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Unjoni Ewropea għandha tirreaġixxi b' mod pożittiv għat-talbiet kollha tal-Kosta tal-Avorju li huma ġġustifikati kif xieraq skont dan l-Artikolu u li ma jistgħux joħlqu danni serji għall-industrija stabbilita tal-Unjoni Ewropea.

2. Sabiex l-eżaminazzjoni mill-Kumitat għat-talbiet għal deroga titħaffef, il-Kosta tal-Avorju, li tippreżenta t-talba permezz ta' formula li tidher fl-Anness VII ta' dan il-Protokoll, tipprova l-aktar informazzjoni possibbli biex issostni t-talba tagħha u biex tkopri b'mod partikolari l-punti elenkati hawn taħt:

- (a) deskrizzjoni tal-prodott finali;
- (b) in-natura u l-kwantità ta' materjali oriġinarji f'pajjiż terz;
- (c) in-natura u l-kwantità ta' materjali oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju jew tal-Istati jew tat-territorji msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll jew il-materjali li ġew ipproċessati hemmhekk;
- (d) il-proċessi tal-manifattura;
- (e) il-valur miżjud;
- (f) l-għadd ta' impjegati fl-intrapriża kkonċernata;
- (g) il-volum antiċipat tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea;
- (h) sorsi possibbli oħra ta' provvista għall-materja prima;
- (i) ir-raġunijiet għad-durata mitluba fid-dawl tal-isforzi magħmula biex jinstabu sorsi ġodda ta' provvista;
- (j) osservazzjonijiet oħra.

L-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull talba għal estensjoni.

Il-Kumitat jista' jimmodifika l-formola.

3. L-eżaminazzjoni tat-talbiet għandha tqis b'mod partikolari:
 - (a) il-livell ta' żvilupp jew is-sitwazzjoni ġeografika tal-Kosta tal-Avorju;
 - (b) il-każijiet meta l-applikazzjoni tar-regoli tal-orijini eżistenti jkun jaffettwaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-industrija eżistenti fil-Kosta tal-Avorju, li tissokta bl-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni Ewropea, b'referenza partikolari għall-każijiet meta dan ikun jista' jwassal għall-waqfien tal-attivitajiet tagħha;
 - (c) każijiet speċifiċi fejn jista' jintwera b'mod ċar li investiment sinifikanti fl-industrija jista' jinżamm lura bir-regoli tal-orijini u fejn deroga li tiffavorixxi r-realizzazzjoni tal-programm ta' investiment tippermetti li dawn ir-regoli jiġu ssodisfati gradwalment bi stadji.
4. F'kull każ għandha ssir eżaminazzjoni biex jinstab jekk ir-regoli relatati mal-akkumulazzjoni tal-orijini jipprovdux soluzzjoni għall-problema.
5. Fl-eżaminazzjoni tat-talbiet każ b'każ, għandha titqies b'mod speċjalil-possibbiltà li jkun konferit l-istatus oriġinarju fuq il-prodotti li jinkludu fil-kompożizzjoni tagħhom, materjali li joriġinaw minn pajjiżi ġirien li għadhom qed jiżviluppaw, pajjiżi l-anqas żviluppati jew pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, li magħhom il-Kosta tal-Avorju jkollha relazzjonijiet speċjali, dment li tkun tista' tiġi stabbilita koperazzjoni amministrattiva sodisfaċenti.
6. Il-Kumitat għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li tintlaħaq deċiżjoni malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 75 jum ta' xogħol minn mindu t-talba tasal għand il-Kopresident tal-Unjoni Ewropea tal-Kumitat. Jekk l-Unjoni Ewropea ma tinfirmax lill-Kosta tal-Avorju dwar il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tat-talba fiż-żmien stipulat, it-talba għandha titqies li ġiet aċċettata.

7. (a) Id-deroga għandha tkun valida għal perjodu, ġeneralment ta' ħames (5) snin, li għandu jiġi ddeterminat mill-Kumitat.
- (b) Id-deċiżjoni tad-deroga tista' tipprevedi tiġdid mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa għal deċiżjoni ġdida tal-Kumitat, dment li l-Kosta tal-Avorju tippreżenta prova, tliet (3) xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu, li għadhom ma jistgħux jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll li ngħataw deroga minnhom.

Jekk issir xi oġġezzjoni għall-estensjoni, il-Kumitat għandu jeżaminaha kemm jista' jkun malajr u jiddeċiedi jekk jestendix id-deroga. Il-Kumitat għandu jipproċedi kif previst fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu. Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-applikazzjoni tad-deroga.

- (c) Fil-perjodi msemmija fil-punti (a) u (b), il-Kumitat jista' jeżamina mill-ġdid it-termini għall-implimentazzjoni tad-deroga jekk jinstab li tkun seħħet bidla sinifikanti fil-fatturi sostantivi li jirregolaw id-deċiżjoni li għaliha tkun ingħatat id-deroga. Mal-konklużjoni tal-eżami mill-ġdid tiegħu, il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jemenda t-termini tad-deċiżjoni tiegħu fejn jidħol il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga jew ta' xi kundizzjoni oħra stipulata qabel.
8. Minkejja l-paragrafi 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu, derogi awtomatiċi għat-tonn ippreservat u għall-flettijiet tat-tonn ta' SA 1604 għandhom jingħataw biss għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, fil-limiti ta' kwota annwali li tonqos ta' 2000 tunnellata fl-ewwel sena, ta' kwota ta' 1000 tunnellata fit-tieni sena għall-prodotti ppreservati u ta' kwota annwali ta' 200 tunnellata għall-flettijiet tat-tonn.

TITOLU VI

CEUTA U MELILLA

ARTIKOLU 41

Kundizzjonijiet speċjali

1. It-terminu “Unjoni Ewropea” użat f’ dan il-Protokoll ma jkoprix lil Ceuta u Melilla.
2. Il-prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju, meta jiġu importati f’ Ceuta jew Melilla, għandhom igawdu f’ kull aspekt mill-istess sistema doganali bħal dik li applikata għall-prodotti oriġinarji tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta’ Spanja u r-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej. Fuq il-prodotti importati taħt il-Ftehim u oriġinarji f’ Ceuta u Melilla, il-Kosta tal-Avorju tapplika l-istess reġim doganali bħal dak applikat fuq prodotti importati mill-Unjoni Ewropea u oriġinarji minnha.
3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu fir-rigward ta’ prodotti oriġinarji ta’ Ceuta u Melilla, dan il-Protokoll għandu japplika *mutatis mutandis* skont il-kundizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikolu 42 ta’ dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 42

Kundizzjonijiet speċifiċi

1. Dment li kienu ttrasportati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:
 - (1) prodotti oriġinarji ta' Ceuta u Melilla:
 - (a) prodotti miksuba b'mod sħiħ minn Ceuta u Melilla;
 - (b) prodotti miksuba minn Ceuta u Melilla u li fil-manifattura tagħhom intużaw prodotti għajr dawk imsemmija fil-punt (a), dment li:
 - (i) il-prodotti msemmija jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar biżżejjed fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll; jew li
 - (ii) dawk il-prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju jew tal-Unjoni Ewropea, sakemm ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll;
 - (2) prodotti oriġinarji tal-Kosta tal-Avorju:
 - (a) prodotti miksuba b'mod sħiħ fil-Kosta tal-Avorju;

- (b) prodotti miksuba fil-Kosta tal-Avorju u li fil-manifattura tagħhom intużaw prodotti għajr dawk imsemmija f' (a), dment li:
 - (i) il-prodotti msemmija jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar biżżejjed fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll; jew li
 - (ii) dawk il-prodotti, skont dan il-Protokoll, ikunu oriġinarji minn Ceuta u Melilla jew mill-Unjoni Ewropea, sakemm ikunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll.

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.
3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jniżżel “....” u “Ceuta u Melilla” fil-Kaxxa 2 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini. Barra minn dan, fil-każ ta' prodotti oriġinarji ta' Ceuta u Melilla, l-istatus oriġinarju jiġi indikat fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.
4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f' Ceuta u Melilla.

TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU 43

Reviżjoni u applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini

1. Skont l-Artikolu 73 tal-Ftehim, kull meta l-Kosta tal-Avorju jew l-Unjoni Ewropea jitolbu dan, il-Kumitat tal-FSE jista' jeżamina l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u l-effetti ekonomiċi tagħhom bil-għan li jadattahom jew jemendahom jekk ikun meħtieġ. Il-Kumitat tal-FSE tal-Kosta, għandu jqis, fost affarijiet oħra, l-impatt tal-iżviluppi teknoloġiċi fuq ir-regoli tal-oriġini.
2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid u, jekk meħtieġ, riveduti qabel it-tmien ta' perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, skont l-obbligi tal-Artikolu 14 tal-Ftehim. Dan l-eżami mill-ġdid għandu jinkludi wkoll l-Anness II-A ta' dan il-Protokoll sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar it-tiġdid possibbli tiegħu.
3. Skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim, il-Kumitat għandu jissorvelja l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u jieħu deċizzjonijiet li jikkonċernaw, fost l-oħrajn:
 - (a) l-akkumulazzjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan il-Protokoll;
 - (b) id-derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 40 ta' dan il-Protokoll;

- (c) id-deroga awtomatika għat-tonn ippreservat u l-flettijiet tat-tonn previsti fl-Artikolu 40(8) ta' dan il-Protokollskont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 40 ta' dan il-Protokoll;
- (d) estensjoni tal-perjodu ta' tliet snin imsemmi fl-Artikolu 21(1)(b) ta' dan il-Protokoll fuq il-bażi ta' provi li l-Kosta tal-Avorju mhijiex lesta biex timplimenta l-leġiżlazzjoni dwar l-esportaturi rreġistrati;
- (e) il-limitu ta' EUR 6 000 msemmi fl-Artikolu 21(1)(c) ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 44

Annessi

L-Annessi ta' dan il-Protokoll għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 45

Implimentazzjoni tal-Protokoll

L-Unjoni Ewropea u l-Kosta tal-Avorju, skont kif jikkonċernahom, għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, fosthom:

- (a) il-miżuri nazzjonali u reġjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-Protokoll, b'mod partikolari l-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikoli dwar l-akkumulazzjoni;
- (b) l-istabbiliment tal-istrutturi u s-sistemi amministrattivi meħtieġa għall-ġestjoni u l-verifiki xierqa tal-orijini tal-prodotti.

ARTIKOLU 46

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal merkanzija fi tranżitu jew f'ħażna

Il-merkanzija li tissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll u li, fil-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu, tkun fi tranżitu jew tkun mażżuna temporanjament f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju, tista' tiġi aċċettata dment li jiġi ppreżentat ċertifikat ta' moviment EUR.1 lill-awtoritajiet doganali tal-Istat importatur fi żmien għaxar (10) xhur mid-data msemmija, li jinħareġ retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-Istat esportatur flimkien mal-provi tal-konformità mal-Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll.

ANNEX I TAL-PROTOKOLL 1

NOTI TA' INTRODUEZZJONI DWAR IL-LISTA

FL-ANNEX II TAL-PROTOKOLL

Nota 1:

Il-lista fl-Anness II ta' dan il-Protokoll tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-prodotti kollha jitqiesu maħdumin jew ipproċessati biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Protokoll.

Nota 2:

1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. Fl-ewwel kolonna hemm in-numru tal-intestatura jew in-numru tal-kapitolu tas-Sistema Armonizzata u fit-tieni kolonna hemm id-deskrizzjoni tal-merkanzija użata f'dik is-Sistema għal dik l-intestatura jew dak il-kapitolu. Għal kull entrata fl-ewwel żewġ kolonni, hemm speċifikata regola fil-kolonni 3 jew 4. Jekk xi drabi, in-numru fl-ewwel kolonna jkun jibda b'“ex”, dan ifisser li r-regoli fil-kolonni 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.
2. Fejn diversi numri ta' intestatura jkunu raggruppati flimkien fil-kolonna 1 jew jingħata numru ta' kapitolu u għalhekk ud-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli korrispondenti fil-kolonni 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, ikunu klassifikati f'intestaturi tal-kapitolu jew f'xi wieħed mill-intestaturi miġburin flimkien.

3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti taħt intestatura waħda, kull inċiż ikun fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta bir-regoli korrispondenti fil-kolonni 3 jew 4.
4. Meta, għal entrata fl-ewwel żewġ kolonni, tiġi speċifikata regola fil-kolonni 3 u 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika r-regola mniżżla fil-kolonna 3 jew dik imniżżla fil-kolonna 4. Jekk l-ebda regola tal-orijini ma tingħata fil-kolonna 4, tkun applikata r-regola mniżżla fil-kolonna 3.

Nota 3:

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll li jikkonċernaw prodotti li jkunu kisbu l-istatus oriġinarju u li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra, japplikaw irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew ikunx inkiseb f'fabbrica oħra fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kosta tal-Avorju.

Pereżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li għaliha r-regola tiddikjara li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jistgħu jiġu inkorporati, ma għandux jaqbeż l-40 % tal-prezz mill-fabbrika, hija magħmula minn azzar liga ieħor b'għamla ħarxa mill-forġa tal-intestatura ex7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fl-Unjoni Ewropea minn ingott mhux oriġinarju, dan ikun diġà kiseb status ta' prodott oriġinarju permezz tar-regola prevista fil-lista għall-prodotti tal-intestatura ex7224. Ix-xogħol tal-forġa, b'hekk, jista' jitqies bħala oriġinarju fil-kalkolu tal-valur tal-magna, mingħajr ma jingħata każ jekk kinitx prodotta fl-istess fabbrica jew f'xi fabbrica oħra fl-Unjoni Ewropea. B'hekk, il-valur tal-ingott mhux oriġinarju ma jitqiesx meta jkun qed jingħadd il-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati.

2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ; u anki ż-żieda fit-twettiq tal-ħidma jew tal-ipproċessar tagħti status oriġinarju u li, għall-kuntrarju, it-tnaqqis fit-twettiq tal-ħidma jew tal-ipproċessar ma jagħtix status oriġinarju. Għalhekk, jekk regola tipprevedi li jista' jintuża materjal mhux oriġinarju f'ċertu livell tal-manifattura, l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa permess ukoll, iżda l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar avvanzat mhuwiex.
3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, fejn regola tiddikjara li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura, jistgħu jintużaw ukoll materjali tal-istess intestatura tal-prodott, iżda soġġetti, madankollu, għal limitazzjonijiet speċifiċi li r-regola tista' tispeċifika. Madankollu, l-espressjoni "manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura..." timplika li jistgħu jintużaw biss il-materjali kklassifikati fl-istess intestatura tal-prodott ta' deskrizzjoni differenti minn dik tal-prodott kif mogħtija fil-kolonna 2.
4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Dan jimplika wkoll li l-materjali kollha ma għandhomx jintużaw kollha f'daqqa.

Pereżempju:

Ir-regola għad-drappijiet tal-intestaturi 5208 sa 5212 tipprovdi li jistgħu jintużaw fibri naturali u li jistgħu jintużaw ukoll materjali kimiċi fost materjali oħra. Din ir-regola ma timplikax li l-fibri naturali u l-materjali kimiċi għandhom jintużaw f'daqqa; jista' jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn li huma f'daqqa.

5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jiġi mmanifatturat minn materjal partikolari, din il-kundizzjoni ovvjament ma timpedixxix l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola (ara wkoll in-Nota 6.3 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Pereżempju:

Ir-regola għall-ikel preparat tal-intestatura 1904, li speċifikament teskludi l-użu ta' ċereali u d-derivattivi tagħhom ma tipprevjenix l-użu ta' minerali, materjali kimiċi jew addittivi oħra dment li ma jinkisbux miċ-ċereali.

Madankollu, din ir-regola ma tapplikax għall-prodotti li, minkejja li ma jistgħux jiġu manifatturati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jsiru minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Pereżempju:

Fil-każ ta' lbies tal-ex Kapitolu 62 tas-Sistema Armonizzata magħmul minn materjal mhux minsuġ, jekk ikun previst li dan it-tip ta' prodott jista' jinkiseb biss minn ħajt mhux oriġinarju, mhux possibbli li jintuża materjal mhux minsuġ, anki jekk il-materjali mhux minsuġa normalment ma jkunux jistgħu jinkisbu mill-ħajt. F'dawn il-każijiet, il-materjal li jaqbel li jintuża huwa dak ta' waqt il-ħidma, li normalment jiġi immedjatament qabel l-istadju tal-ħjut – jiġifieri l-istadju tal-fibri.

6. Jekk ikun previst li f' regola tal-lista jingħataw żewġ persentaġġi għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji li jistgħu jintużaw, dawn il-persentaġġi ma jistgħux jingħaddew flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji kollha użati ma jista' qatt jaqbeż l-akbar persentaġġ li jitqies. Bla dubju, il-persentaġġi speċifiċi li japplikaw għal prodotti partikolari ma jistgħux jinqabżu minħabba dawn id-dispożizzjonijiet.

Nota 4:

1. It-terminu “fibri naturali” meta jintuża fil-lista, jirreferi għall-fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi u jrid jiġi limitat għal fibri fl-istadji ta' qabel ma jsir l-għażil, inkluż l-iskart, u jekk mhux speċifikat mod ieħor, jinkludi l-fibri li kienu mimxuta, mqardxa, jew ipproċessati mod ieħor iżda mhux magħżula.
2. It-terminu “fibri naturali” jinkludi l-krin tal-intestatura 0511, il-ħarir tal-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll is-suf, ix-xagħar fin jew aħrax tal-annimali fl-intestaturi 5101 sa 5105, il-fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203 u l-fibri veġetali l-oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.
3. It-termini “polpa tat-tessuti”, “materjal kimiku” u “materjal li minnu ssir il-karta” jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali mhux ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' fibri jew hġut sintetiċi jew artifiċjali, jew fibri jew ħajt tal-karti.
4. It-terminu “fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple)” li jintuża fil-lista bħala referenza għal truf ta' filamenti, fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) u l-fdal ta' fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) tal-intestaturi 5501 sa 5507.

Nota 5:

1. Meta ssir referenza għal din in-Nota ta' introduzzjoni għal prodott partikolari fil-lista, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ma għandhomx jiġu applikati għall-materjali tessili bażiċi użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas mill-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati (ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt).
2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

- il-ħarir,
- is-suf,
- ix-xagħar aħrax tal-annimali,
- ix-xagħar fin tal-annimali,
- il-krin,
- il-qoton,
- il-materjali għall-fabbrikazzjoni tal-karta u l-karta,
- il-kittien,
- il-qanneb,

- il-ġuta jew fibri tessili tat-tilju oħrajn,
- is-sisal u l-fibri tessili oħra tal-ġens agave,
- il-ġewż tal-Indi, il-manilla (qanneb Manilla jew Musa textilis Nee), ir-rami u l-fibri tessili veġetali oħrajn,
- il-filamenti magħmulin mill-bniedem,
- il-ħjut ta' filamenti artifiċjali,
- il-filamenti kondutturi elettriċi,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-polipropilen,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-poliester,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-poliammid,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-poliakrilonitril,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-poliimmid,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-politetrafluoroetilin,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmula mill-bniedem polisulfur tal-fenilen,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmula mill-bniedem tal-poliklurur tal-vinil,
- il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmula mill-bniedem l-oħra,
- il-fibri artifiċjali ta' qosor predeterminat magħmula mill-bniedem tal-viskuż,

- il-fibri artifiċjali ta' qosor predeterminat magħmula mill-bniedem l-oħra,
- il-ħjut magħmula mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli tal-polieter, kemm jekk mibrum jew le,
- il-ħjut magħmula mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli tal-poliester, kemm jekk mibrum jew le,
- prodotti tal-intestatura 5605 (ħjut immetallizzati) li jinkorporaw strippa li tikkonsisti minn ġewwieni ta' fuljetta tal-aluminju jew ġewwieni ta' film tal-plastik kemm jekk miksi bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, ta' wisa' li ma taqbiżx il-5 mm, li tinsab bejn adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta' film tal-plastik,
- il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605.

Pereżempju:

Il-ħajt tal-intestatura 5205, magħmul minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u l-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-intestatura 5506 huwa ħajt imħallat.

Għalhekk, il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat mhux oriġinarji li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini (li jeżiġu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti) jistgħu jintużaw sa piż ta' 10 % tal-ħjut mibruma.

Pereżempju:

Drapp tas-suf tal-intestatura 5112 magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku tal-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-intestatura 5509 huwa drapp imħallat. Għalhekk, il-ħajt sintetiku li ma jissodisfax ir-regoli tal-orìgini (li jeħtieġu manifattura minn materjal kimiku jew polpa tat-tessuti), jew ħajt tas-suf li ma jissodisfax ir-regoli tal-orìgini (li jeħtieġu manifattura minn fibri naturali, mhux imqardxa jew mimxuta jew ippreparati b'xi mod ieħor għall-għażil), jew taħlita tat-tnejn, jista' jintuża, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 % tal-piż tad-drapp.

Pereżempju:

Drapp tat-tessuti bil-bżiebeż tal-intestatura 5802 magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210 huwa biss prodott imħallat jekk id-drapp tal-qoton innifsu huwa drapp imħallat magħmul minn ħjut klassifikat f'żewġ intestaturi separati jew jekk il-ħjut tal-qoton infushom huma taħlitiet.

Pereżempju:

Jekk l-istess drapp tat-tessuti bil-bżiebeż kien magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, imbagħad, ovyjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp tat-tessuti bil-bżiebeż huwa, għal din ir-raġuni, prodott imħallat.

3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "ħjut magħmula mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli tal-polieter, kemm jekk mibrum jew le", din it-tolleranza hija 20 % fir-rigward ta' dan il-ħajt.

4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strippa li tikkonsisti minn ġewwieni ta' fuljetta tal-aluminju jew ġewwieni ta' film tal-plastik kemm jekk miksi bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, ta' wisa' li ma jaqbiżx il-5 mm, li tinsab bejn adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta' film tal-plastik", din it-tolleranza hi 30 % fir-rigward ta' din l-istrippa.

Nota 6:

1. Fil-każ ta' dawk il-prodotti tessili, li huma mmarkati fil-lista b'nota f'qiegħ il-paġna li tirreferi għal din in-Nota ta' Introduzzjoni, it-tirqim u l-aċċessorji tessili li ma jissodisfawx ir-regola mniżżla fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodotti kkonċernati magħmula jistgħu jintużaw dment li l-piż tagħhom ma jaqbiżx l-10 % tal-piż totali tal-materjali tessili inkorporati kollha.

It-tirqim u l-aċċessorji tessili huma dawk ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata. L-inforra u l-furzetta ma għandhomx ikunu meqjusin bħala tirqim jew aċċessorji.

2. Kull tirqim jew aċċessorju mhux tat-tessut jew materjali oħra użati li jinkludu materjali tessili ma jridux jissodisfaw il-kundizzjonijiet dikjarati fil-kolonna 3 anke jekk jaqgħu barra mill-iskop tan-Nota 3.5.
3. Bi qbil man-Nota 3.5, kwalunkwe tirqim u aċċessorju, jew prodotti oħra mhux oriġinarji, li ma fihomx materjali tessili, jistgħu jintużaw b'mod liberu fejn ma jkunux jistgħu jsiru mill-materjali elenkati fil-kolonna 3 tal-lista.

Pereżempju¹, jekk regola fil-lista tgħid li għal oġġett partikolari b'materjal tessili, bħal qmis, għandhom jintużaw biss hġut, dan ma jipprojbixxix l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħal buttuni, għax dawn ma jistgħux jitqiesu li saru minn materjali tessili.

4. Meta tkun tapplika regola tal-persentaġġ, il-valur tat-tirqim u tal-aċċessorji għandu jitqies fil-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji inkorporati.

Nota 7:

1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex2707, 2713 sa 2715, ex2901, ex2902 u ex3403, il-“proċessi speċifiċi” huma dawn li ġejjin:
- (a) distillazzjoni f'vakwu;
 - (b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'ħafna reqqa⁽²⁾;
 - (c) xpakkar;
 - (d) riformazzjoni;
 - (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
 - (f) il-proċess li jinkorpora l-operazzjonijiet li ġejjin kollha: ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, anidride oleu jew sulfurika, newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attiv, faħam tal-kannol jew boksajt attiv;

¹ Dan l-eżempju hu mogħti għall-fini ta' spjegazzjoni biss. Mhuwiex legalment vinkolanti.

² Ara n-Nota ta' Spjegazzjoni 5(b) addizzjonali tal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilazzjoni;
- (i) isomerizzazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-intestaturi 2710 sa 2712, il-“proċessi speċifiċi” huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni f'vakwu;
- (b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'ħafna reqqa⁽¹⁾;
- (c) xpakkar;
- (d) riformazzjoni;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
- (f) il-proċess li jinkorpora l-operazzjonijiet li ġejjin kollha: ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, anidride oleu jew sulfurika, newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attiv, faħam tal-kannol jew boksajt attiv;
- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilazzjoni;
- (i) isomerizzazzjoni;

¹ Ara n-Nota ta' Spjegazzjoni 5(b) addizzjonali tal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

- (j) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tal-intestatura ex2710 biss, desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut sulfuriku tal-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);
- (k) fejn jidħlu l-prodotti li jidħlu fl-intestatura 2710 biss, deparaffinar bi proċess li mhuwiex filtrar;
- (l) trattament bl-idroġenu, ħlief id-desulfurizzazzjoni, fir-rigward taż-żjut ħoxnin li jaqgħu taħt l-intestatura ex2710 biss, fejn l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika fi pressjoni oġhla minn 20 bar u temperatura oġhla minn 250°C bl-użu ta' katalist. Iżda trattamenti ulterjuri bl-idroġenu taż-żjut lubrikanti tal-intestatura ex2710 (eż. tlestija bl-ilma jew tneħħija tal-kulur) biex, speċjalment, jittejbu l-kulur jew l-istabbiltà, ma għandux jitqies bħala proċess speċifiku;
- (m) distillazzjoni atmosferika, fir-rigward ż-żjut karburanti li jidħlu taħt l-intestatura ex2710 biss, bil-kundizzjoni li inqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti tid-distilla, skont il-volum, inkluż telf, f'300 °C bil-metodu ASTM D 86;
- (n) trattament permess ta' skarga elettrika (brush discharge) ta' frekwenza għolja, fir-rigward ta' żjut ħoxnin oħra għajr iż-żjut tal-gass u ż-żjut karburanti li jaqgħu taħt l-intestatura ex2710.

3. Għall-finijiet tal-intestaturi ex2707, 2713 sa 2715, ex2901, ex2902 u ex3403, operazzjonijiet sempliċi bħat-tindif, it-tferrigħ, it-tneħħija tal-melħ, is-separazzjoni tal-ilma, l-iffiltrar, il-kulur, l-immakar, l-akkwist ta' kontenut tas-sulfur bħala riżultat taħlit tal-prodotti ma' kontenut tal-kubrit differenti, kull kumbinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew ta' operazzjonijiet simili ma twassalx għall-oriġini.

ANNEX II TAL-PROTOKOLL 1

LISTA TA' ĦIDMIET JEW IPPROĊESSAR LI JRIDU JITWETTQU GĦALL-MATERJALI MHUX ORIĠINARJI SABIEX IL-PRODOTT MAĦDUM JAKKWISTA L-ISTATUS ORIĠINARJU

Il-prodotti msemmija fil-lista li ġejja mhux kollha huma koperti mill-Ftehim. Huwa għaldaqstant meħtieġ li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħrajn tal-Ftehim.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 1 u 2 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	
ex Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	
0304	Qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwiex), frisk, imkessaħ jew friżat	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
0305	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar jew le qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar; dqiq; pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 ma għandux jaqbeż il-15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
0306	Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; krustaċji affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħolljin fl-ilma, kemm jekk imkessħin jew le, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; dqiq, pasti u gerbub ta' krustaċji, tajbin għal konsum uman	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 ma għandux jaqbeż il-15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
0307	Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; molluski affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; dqiq, pasti u gerbub ta' molluski, tajbin għal konsum uman	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 ma għandux jaqbeż il-15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
0308	Invertebrati akwatiċi minbarra krustaċji u molluski, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akwatiċi affumikati, minbarra krustaċji u molluski, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; dqiq, pasti u gerbub ta' invertebrati akwatiċi minbarra krustaċji u molluski oħrajn, tajbin għal konsum uman	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 ma għandux jaqbeż il-15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel u li ġejjin mill-annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; minbarra:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	<p>Manifattura fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ, - kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (għajr dak tal-ananas, tal-ixkomp jew tal-grejpfrut) tal-intestatura 2009 li jintuża għandu jkun diġà oriġinarju; u - il-valur ta' kwalunkwe materjal tal-Kapitolu 17 użat ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika 	
ex Kapitolu 5	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; minbarra:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 5 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 0502	Lanzit u xagħar tal-ħnieżer, majjali tas-simna (hogs) jew ċingjali ppreparati	Tindif, diżinfettar, issortjar u llixxjar ta' lanżit u xagħar	
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtuġhin u weraq ornamenti	Manifattura fejn: - il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati għandhom jinkisbu b' mod sħiħ, u - il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż l-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati għandhom jinkisbu b' mod sħiħ	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
Kapitolu 8	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ	<p>Manifattura fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-frott kollu li ntuża għandu jinkiseb b' mod sħiħ, u - il-valur ta' kwalunkwe materjal tal-Kapitolu 17 użat ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika 	
<p>ex Kapitolu 9</p> <p>0901</p> <p>0902</p>	<p>Kafè, te, matè u ħwawar; minbarra:</p> <p>Kafè, kemm jekk inkaljat jew bil-kaffeina mneħħija jew le; hliefja u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon</p> <p>Te, kemm jekk imħawwar jew le</p>	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati għandhom jinkisbu b' mod sħiħ</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 0910	Taħlitiet ta' ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	
ex Kapitolu 11 ex 1106	Prodotti tal-industrija tat-tin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; minbarra: Dqiq, pasta u trab tal-veġetali leguminużi imnixxfen tal-intestatura 0713	Manifattura fejn il-veġetali, iċ-ċereali, l-għerūq u t-tuberi tal-intestatura 0714 jew il-frott użati jridu jinkisbu b'mod sħiħ Tnixxif u tin ta' veġetali leguminużi tal-intestatura 0708	
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1301 1302	Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleoreżini (pereżempju, balzmi) Linef u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni oħrajn u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali: - muċilaġni jew materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali - oħrajn	Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjal tal-intestatura 1301 użat ma għandux jaqbeż il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika Manifattura minn muċilaġni u materjali li jħaxxnu mhux modifikati Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 14	Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex Kapitolu 15 1501	<p>Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex; prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat ta' annimali jew ħxejjex; minbarra:</p> <p>Grass tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u grass tat-tjur, ħlief dak tal-intestatura 0209 jew 1503:</p> <p>- grass minn għadam jew skart</p> <p>- oħrajn</p>	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f' intestatura differenti minn dik tal-prodott</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief tal-intestaturi 0203, 0206 jew 0207 jew għadam tal-intestatura 0506</p> <p>Manifattura mil-laħam jew fdalijiet li jittieklu tal-majjal tal-intestatura 0203 jew 0206 jew tal-laħam jew fdalijiet li jittieklu tat-tjur tal-intestatura 0207</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1502	<p>Grass ta' annimali tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk tal-intestatura 1503:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Grass minn għadam jew skart - oħrajn 	<p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief dawk tal-intestaturi 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew għadam tal-intestatura 0506</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ</p>	
1504	<p>Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:</p> <ul style="list-style-type: none"> - frazzjonijiet solidi 	<p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 1504</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 1505	<p>- oħrajn</p> <p>Lanolina raffinata</p>	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati għandhom jinkisbu b' mod sħiħ</p> <p>Manifattura minn xaħam tas-suf tal-intestatura 1505</p>	
1506	<p>Xaħam u żjut oħrajn ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:</p> <p>- frazzjonijiet solidi</p> <p>- oħrajn</p>	<p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 1506</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom jinkisbu b' mod sħiħ</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1507 sa 1515	<p>Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:</p> <p>- żjut tas-sojja, tal-karawett, tal-palm, tal-ġewż tal-Indi (tal-kopra), tal-qalba tal-ġewż tal-palm, babassu, tal-oleococca u tal-ojtiċika, żejt tat-tung u tal-ojtiċika, xama' tar-riħan, xama' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt tal-ġoġoba u żjut għal użijiet tekniċi jew industrjali minbarra l-manifattura ta' prodotti tal-ikel għall-konsum uman</p>	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott</p>	
	<p>- frazzjonijiet solidi, ħlief dawk taż-żejt tal-ġoġoba</p> <p>- oħrajn</p>	<p>Manifattura minn materjali oħra tal-intestaturi 1507 sa 1515</p> <p>Manifattura fejn il-materjali veġetali użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, inter-esterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar	Manifattura fejn: - il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ, u - il-materjali veġetali użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ. Madankollu, jistgħu jintużaw il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513	
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-kapitolu, minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516	Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 2 u 4 għandhom jinkisbu b'mod sħiħ, u - il-materjali veġetali użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ. Madankollu, jistgħu jintużaw il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
Kapitolu 16 1604 u 1605	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn Ħut preparat jew preservat; kavjar u sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut; Krustaċej, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, preparati jew preservati	Manifattura minn annimali ta' Kapitolu 1 Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 3 li jintużaw ma għandux jaqbeż il-15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
exKapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; minbarra:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott	
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrows kimikament pur, f'forma solida, li fi h miżjud ħwawar jew materjal biex jagħti l-kulur	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1702	<p>Zokkrijiet oħra, inklużi laktows kimikament pur, maltosju, glukows u fruktows, f' forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx miżjudin ħwawar u materjal li jagħti l-kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kif ukoll jekk le; karamella:</p> <ul style="list-style-type: none"> - maltożju u fruktows kimikament puri - zokkrijiet oħra, fi stat solidu, li fihom miżjudin ħwawar jew materjal biex jagħti l-kulur 	<p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 1702</p> <p>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.</p>	
	- oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha użati jridu jkunu diġsa oriġinarji	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 1703 1704	Għasel iswed li jsir mill-estrazzjoni jew raffinar taz-zokkor, li fih miżjudin ħwawar jew materjal biex jagħti l-kulur Ħelu taz-zokkor (inkluż ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u - il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
Kapitolu 18	Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw	Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u - il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % skont il-piż kawkaw kalkulata fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti tal-intestaturi 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 5 % kawkaw skont il-piż kalkulata fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:		
	- estratt tax-xgħir	Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitolu 10	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1902	<p>- oħrajn</p> <p>Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lasanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:</p> <p>- li fih 20 % jew anqas skont il-piż, ta' laħam jew fdal ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski</p>	<p>Manifattura fejn:</p> <p>- il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u</p> <p>- il-valur ta' kwalunkwe materjal tal-Kapitolu 17 użat ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika</p>	<p>Manifattura fejn iċ-ċereali kollha u d-derivattivi (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ</p>

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1903	<p>- li fih tal-anqas 20 % skont il-piż, ta' laħam jew fdal ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski</p> <p>Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, ħbub, perli, frakijiet jew forom simili</p>	<p>Manifattura fejn:</p> <p>- iċ-ċereali u d-derivattivi kollha (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ; u</p> <p>- il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief lamtu tal-patata tal-intestatura 1108</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
1904	Ikel preparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' ħbub jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, groats u pasta), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> - minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-intestatura 1806, - li fiha ċ-ċereali kollha u d-dqiq (għajr qamħ durum u d-derivattivi tiegħu kif ukoll il-qamħirrun Zeaindurata) użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ, u - fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika 	
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalitsa li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-Kapitolu 11	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
exKapitolu 20 ex 2001 ex 2004 u ex 2005	Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti; minbarra: Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel li fihom 5 % jew aktar skont il-piż lamtu, preparati u preservati bil-ħall jew b'aċtu aċetiku Patata f'forma ta' dqiq, pasta jew qxur, preparata jew ippreservata mod ieħor ħlief bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	Manifattura fejn il-frott, u l-ħxejjex kollha użati għandhom jinkisbu b'mod sħiħ Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott	
2006	Ħxejjex, frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħrajn ta' pjanti, ippreservati biz-zokkor (ixxuttati, glasè jew mghasslin)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2007 ex 2008	Ġammijiet, ġèli tal-frott, marmellati, puré tal-frott jew tal-ġewż u pejsts tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel heġu miżjud inkella le - Ġewż, mingħajr zokkor jew spirtu miżjud	Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u - il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	Manifattura fejn il-valur tal-ġewż u ż-żreiragħ żejtnin tal-intestaturi 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati jkun aktar minn 60 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
	<p>- Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq ċereali; qlub tal-palm; qamħirrun</p> <p>- Oħrajn ħlief il-frott (inkluż il-ġewż), imsajrin mod ieħor barra fuq il-fwar jew mgħollijin fl-ilma, mingħajr zokkor miżjud, iffriżati</p>	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott</p> <p>Manifattura fejn:</p> <p>- il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u</p> <p>- il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2009	Meraq tal-frott (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer) u meraq tal-ħxejjex, mhux fermentati u ma fihomx spirtu miżjud, fihom jew ma fihomx zokkor miżjud jew materjal ieħor biex jagħmel ħelu	Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u - il-valur ta' kwalunkwe materjal tal-Kapitolu 17 użat ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
exKapitolu 21	Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel; minbarra:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 2104	- dqiġ u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata Sopop u brodi u preparazzjonijiet tagħhom;	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief ħxejjex ippreparati jew preservati tal-intestaturi 2002 sa 2005	
2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor	Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u - il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
exKapitolu 22	Xorb, spirti u ħall; minbarra:	Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati għandhom ikunu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott; u - l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat irid ikun miksub b'mod sħiħ	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, biz-zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud jew imħawwrin, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex tal-intestatura 2009	<p>Manifattura fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott, - il-valur ta' kwalunkwe materjal tal-Kapitolu 17 użat ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika - kwalunkwe meraq tal-frott użat (ħlief dak tal-ananas, tal-ixkomp u tal-grejpfit) irid ikun diġsa oriġinarju 	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2207	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' 80 % vol jew aktar; alkoħol etiliku u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kull qawwa	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> - minn materjali mhux ikklassifikati taħt l-intestaturi 2207 jew 2208, u - fejn l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat għandu jinkiseb b'mod shihjew jekk il-materjali kollha l-oħra użati jkunu diġsa oriġinarji, jista' jintuża l-għarak sal-limitu ta' 5 % bil-volum 	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor spirituż	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> - minn materjali mhux ikklassifikati taħt l-intestaturi 2207 jew 2208, u - fejn l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat għandu jinkiseb b'mod sħiħ jew jekk il-materjali kollha l-oħra użati jkunu diġsa oriġinarji, jista' jintuża l-għarak sal-limitu ta' 5 % bil-volum 	
exKapitolu 23 ex 2301	<p>Fdal u skart mill-industrija tal-ikel; għalf tal-annimali ppreparat; minbarra:</p> <p>Dqiq mill-baleni; dqiq, pasta u gerbub, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, mhumiex tajbin għal konsum uman</p>	<p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 u 3 użati jridu jinkisbu b'mod sħiħ</p>	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 2303 ex 2306	Fdal mill-manifattura ta' lamtu mill-qamharrun (ħlief likuri koncentriati mit-tixrib), b'kontenut ta' proteina, kalkulat fuq il-prodott xott, aktar minn 40 % skont il-piż Għalf tal-bhejjem (oilcake) u fdalijiet oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt taż-żebbuġ, li fihom aktar minn 3 % skont il-piż żejt taż-żebbuġ	Manifattura fejn il-qamharrun kollu użat għandu jinkiseb b'mod sħiħ Manifattura fejn iż-żebbuġ kollu użat għandu jinkiseb b'mod sħiħ	
2309	Preparazzjonijiet ta' tip użati għall-għalf tal-annimali	Manifattura fejn: - iċ-ċereali, iż-zokkor jew l-għasel iswed, il-laħam jew il-ħalib użati kollha għandhom ikunu diġsa oriġinarji; u - il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 għandhom jinkisbu b'mod sħiħ	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
exKapitolu 24 ex 2402 ex 2403	Tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk; minbarra: Sigarri, cheroots, cigarillos u sigarretti, ta' tabakk jew ta' sostituti ta' tabakk Tabakk tat-tipjip	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 24 użati għandhom jinkisbu b' mod sħiħ Manifattura fejn tal-anqas 70 % skont il-piż tat- tabakk mhux manifatturat jew tal-iskart tat-tabakk tal-intestatura 2401 użat irid ikun diġsa oriġinarju Manifattura fejn tal-anqas 70 % skont il-piż tat- tabakk mhux manifatturat jew tal-iskart tat-tabakk tal-intestatura 2401 użat għandu jkun diġsa oriġinarju	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
exKapitolu 25	Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjali tattikhil, ġir u siment; minbarra:		
ex 2504	Grafita kristallin naturali, b'kontenut ta' karbonju arrikkit, purifikat u mitħun	Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott	
ex 2515	Irħam, sempliċiment maqtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari, bi ħxuna li ma taqbiżx il-25 cm	Arrikkiment tal-kontenut tal-karbonju, purifikazzjoni u tħin ta' grafit kristallin mhux raffinat	
ex 2516	Irħam, sempliċiment maqtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokki jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari, bi ħxuna li ma taqbiżx il-25 cm	Qtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, ta' rħam (anki jekk diġsa sseगत), bi ħxuna li taqbeż il-25 cm	
ex 2518	Dolomit magħmul ġir	Qtuġħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, ta' ġebel (anki jekk diġsa sseगत), bi ħxuna li taqbeż il-25 cm	
		Riduzzjoni ta' dolomit mhux magħmul ġir	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 2519	Karbonat ta' manjesju naturali (magnesite) mfarrak u mqiegħed f' reċipjenti ermetiċi u ossidu tal-manjesju, pur jew le, ħlief manjesja mdewwba; manjesja maħruqa għal kollox (mgħaqqda ma' trab bis-sħana)	Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f' intestatura minn dik tal-prodott. Madankollu, jista' jintuża l-karbonat tal-manjesju naturali (magnesite)	
ex 2520	Ġibs ippreparat apposta għal użu fid-dentistrija	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex 2524	Fibri tal-asbestos	Manifattura mill-konċentrat tal-asbestos	
ex 2525	Trab tal-majka	Iffurmar tal-majka jew tal-iskart tal-majka	
ex 2530	kuluri tal-art, magħmul ġir jew trab	Riduzzjoni f' ġir jew tħin ta' kuluri tal-art	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
Kapitolu 26	Minerali (ores), gagazza u rmied	Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott	
exKapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali; minbarra:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu kklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott	

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
ex 2707	Żjut li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, li huma żjut simili għal żjut minerali miksubin b' distillazzjoni ta' qatran tal-faħam b' temperatura għolja, li aktar minn 65 % mill-volum tiegħu jiddistilla f' temperatura li tasal sa 250°C (inklużi taħlitiet ta' spirtu tal-pitrolju u benzol), għall-użu bħala fjuwils għall-enerġija jew għat-tiġin	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ¹	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali ikklassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw dment li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
ex 2709	Żjut miksubin minn minerali bituminużi	Distillazzjoni distruttiva ta' minerali bituminużi	

¹ Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' "proċessi speċifiċi", ara n-Noti Introdutturji 7.1 u 7.3.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2710	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, ħlief dawk mhux raffinati; preparazzjonijiet li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, li fihom 70 % jew aktar skont il-piż żjut minerali (petroleum) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ¹	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw diment li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

¹ Għall-kundizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw “proċessi speċifiċi”, ara n-Nota Introdutturja 7.2.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2711	Gassijiet minerali (petroleum) u idrokarbonji oħrajn bil-gass	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ¹	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw diment li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

¹ Għall-kundizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw “proċessi speċifiċi”, ara n-Nota Introdutturja 7.2.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2712	Vażelina; xema' bajda (tal-parafina), xema' taż-żejt minerali (petroleum) mikrokristallina, xema' slack, ożoċerita, xema' lignite, xema' tal-pit, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sintesi jew bi proċessi oħrajn, ikkukuriti jew le	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess(i) speċifiku/ci ¹	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw diment li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

¹ Għall-kundizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw “proċessi speċifiċi”, ara n-Nota Introdutturja 7.2.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2713	Kokk taż-żejt minerali (petroleum), qatran taż-żejt minerali (petroleum) u fdalijiet oħrajn ta' żjut minerali (petroleum) jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ¹	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw diment li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

¹ Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' "proċessi speċifiċi", ara n-Noti Introdutturji 7.1 u 7.3.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2714	Qatran u asfalt, naturali; "shale" tal-qatran jew taż-żejt u ramel taż-żift asfaltiti u blat asfaltiku	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ¹	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw diment li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

¹ Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' "proċessi speċifiċi", ara n-Noti Introdutturji 7.1 u 7.3.

Intestatura SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status ta' prodott oriġinarju (3) jew (4)	
2715	Taħlitiet bituminużi bbażati fuq asfalt naturali, fuq qatran naturali, fuq qatran ta' żejt minerali (petroleum), fuq żift minerali jew fuq qatran (tar pitch) minerali (pereżempju, gomom/siment bituminużi, "cut-backs")	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ¹	Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati għandhom jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Madankollu, materjali kklassifikati taħt l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw diment li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

